MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2014

Avviz Numru. 58/2012

**Dr. Philip Manduca bhala mandatarju ta' Robert Stewart**

**vs**

**Edgar Borg**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur tal-attur nomine pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-16 ta' Frar 2012 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta' erbat'elef, sebgha mija u hamsa u disghin Ewro (€4,795) rapprezentanti danni li sofra Robert Stewart minhabba n-negligenza tieghu in konnessjoni ma' xoghol li sar minnu fuq il-'*vessel*' Thor.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra tieghu li huwa ingunt in subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Edgar Borg li giet ipprezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-12 ta' April 2012 fejn eccepixxa:

1. *"Illi it-talbiet ta' l-attur huma preskritti b'gheluq ta' sentejn ai termini ta' l-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2. *Illi primarjament l-attur nomine irid jiddimostra li ghandu l-awtorita iressaq din it-talba.*

3. *Illi l-eccipjenti ma kkawza ebda danni lill-attur.*

4. *Ili minghajr pregudizzju ghas-suespost ma hemm ebda ammont dovut lill-attur nomine u ghalhekk it-talba tieghu ghall-hlas ta' erbat elef, seba' mija hamsa u disghin euro (€4,795) ghandha tigi michuda.*

5. *Illi minghajr pregudizzju ukoll, it-talbiet tal-attur nomine huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur.*

6. *Salv kwalunkwe eccezzjoni ohra spettanti lill-eccipjenti jekk ikun il-kaz*."

Rat in-nota ta' Dr. Philip Manduca pprezentata nhar il-11 ta' Mejju 2012 li permezz taghha esebixxa l-affidavit ta' Robert Stewart, sid il-yacht bl-isem 'Thor' li huwa *38 foot aluminium cutter* maghmul minn Bris de Mer fis-sena 1987. Il-yacht normalment ikun ankrat f'Manoel Island Marina f'Malta.

Fl-affidavit tieghu, **Robert Stewart** stqarr li fil-harifa tas-sena 2007 huwa ordna magna ghall-yacht tal-mudell Volvo D2-55E minghand RLR Yachting ta' 156 Ta' Xbiex Seafront, Ta' Xbiex, Malta. Is-socjeta' RLR Yachting baghtitlu lil Mr Borg, mekkanik awtorizzat ta' Volvo li wehhel il-magna fir-rebbiegha tas-sena 2008 u biex jassigura li l-magna l-gdida taqbel mal-yacht. Qal li mal-bidla tal-magna, inbidlu wkoll id-*drive shaft*, il-*cutlass bearing* u l-*propeller*.

Tenna li qabel ma ordna l-magna, Borg kien diga' wettaq xi xoghol fuqha b'hardware minghand RLR Yachting. Jghid li Mr Borg mhuwiex impjegat ma' RLR Yachting, izda hu, flimkien ma' mekkaniks ohra, joffru servizzi lill-klijenti ta' RLR Yachting.

Kif gja semma, Stewart ordna l-magna lejn l-ahhar ta' Settembru tas-sena 2007 minghand RLR Yachting, izda ma ghandu xejn bil-miktub biex juri li Mr Borg ha hsieb l-installazzjoni ghaliex kull kuntatt li kellu ma RLR Yachting rigward l-installazzjoni kien permezz ta' emails. Stqarr li din kienet l-ewwel darba li ltaqa' ma' Mr Borg.

Sea trials tal-magna saru fit-2 ta' Mejju 2008. Edgar Borg ircieva l-hlas finali tal-installazzjoni tal-magna nhar l-4 ta' Awwissu 2008. B'kollox, l-installazzjoni swiet elfejn, erbgha mija u tlieta u hamsin Ewro (€2,453.00), inkluz il-parts u l-labour. Il-hlas tal-installazzjoni nghataw direttament lil Mr Borg.

Nhar is-16 ta' Marzu 2009, Thor tnehhiet minn Manoel Island Marina. Insurance survey u NDT survey gew imwettqin minn John Ross tal-Malta Yacht Surveys. Is-surveyor qal li l-*cutlass bearing* kellha *excessive wear*, ghalkemm kienet ilha sena biss imwahhla. Stqarr li din kellha tinbidel izda biex isir dan minghajr ma' titnehha l-magna kellu jsir xi xoghol fuq l-iskeg. Stewart tkellem ma' Borg dwar it-tiswija ta' Thor izda ma waslu fl-ebda konkluzjoni. Thor tnizzel fl-ilma nhar it-28 ta' Marzu 2009.

Thor rega' ttella mill-ilma nhar is-16 ta' Novembru 2010. Il-qiegh tad-dghajsa kien jirrikjedi *anti-fouling* u l-*cutlass bearing* kellu bzonn xi *checking* in konnessjoni ma' l-email tas-surveyor ta' nhar it-18 ta' Marzu 2009, fejn hemmhekk il-*cutlass bearing* rega' nstab li kellu *excessive wear*. Instab ukoll li x-shaft kellu alignment hazin, u kien hemm hsara nnutata fuq l-*istern tube*. Sussegwentement Stewart informa lil Edgar Borg dwar dawn il-problemi permezz ta' email u r-risposta ta' Edgar kienet li kien ser imur jara l-yacht malli jirritorna lura Malta ghaliex kien qieghed jattendi xi kors x'imkien barra, pero' dan qatt ma mar, anke wara li Thor irritorna fil-Marina nhar is-26 ta' Novembru 2010.

Stewart mar lura l-Ingilterra flimkien ma' martu nhar is-7 ta' Dicembru 2010. L-ghada stess baghat email lil Edgar Borg bir-ritratti tal-hsarat tal-yacht, flimkien ma' xi kopji ta' invoices mis-sena 2009 sa 2010. Fl-istess email qallu li ried kumpens ta' erbat elef, tlett mija u tlieta u hamsin Ewro (€4,353) minghandu. Borg cahad li l-hsarat kienu responsabbilta' tieghu. Il-pretensjonijiet ta' Stewart fil-konfront ta' Edgar Borg huma li l-magna ma kinitx linejata sewwa fiz-zmien tal-installazzjoni. Ix-xoghol li sar fil-yard kellu jissostitwixxi dak li ghamel Edgar Borg. Hemm evidenza li l-installazjoni kienet wahda ta' kwalita hazina, u dan huwa pprovat fir-rapport tekniku ta' John Ross ta' Malta Yacht Surveys u tal-yard tal-24 ta' Novembru 2010 u tat-28 ta' Frar 2011. Ir-rapport ta' Ross jindika li l-mounting plates originali ma kienux ta' hxuna sufficjenti li jippermettu l-ippustjar sew tal-magna.

Stewart fl-affidavit tieghu sostna wkoll li meta Thor tnizzel fl-ilma fl-24 ta' Novembru 2010, giet innotata tnixxija mix-*shaft seal* u mill-*hose*. Naturalment id-dghajsa ttiehdet lura fil-*yard* fejn hemmhekk instab li l-kagun ta' din it-tnixxija kienet minhabba l-*alignment* hazin tax-shaft, u dan jidher fl-invoice 0346 tal-25 ta' Novembru 2010. Mill-istharrig ta' Malta Yacht Surveys, irrizulta li l-ispejjez ammontaw ghal, bejn wiehed u iehor, erbat elef, seba' mija u hamsa u disghin Ewro (€4,795).

Jikkonkludi l-affidavit tieghu billi jghid li Edgar Borg naqas milli jaghmel xoghol tajjeb u dan ikkaguna hsarat kbar fil-yacht kif ukoll fi problemi finanzjarji ghalih personalment.

Rat in-nota ta' Dr Philip Manduca noe li giet ipprezentata fl-14 ta' Frar 2013 li permezz taghha esebixxa affidavit ta' Robert Stewart.

Rat l-affidavit ulterjuri ta' **Robert Stewart** fejn iddikjara bil-lingwa Ingliza li huwa ra x-xhieda ta' Mr Anton Tanti datata 23 ta' Jannar 2013. Huwa baqa' sorpriz u dizappuntat li Mr Tanti qal li t-tort kien ta' min installa l-magna u cioe' Mr Borg. Mr Tanti ma kienx semma' l-fatt li huwa ma setax jaghmel *re-alignment* tal-magna minghajr ma jbiddel ic-*chocks* ta' taht il-magna ghal *chocks* aktar hoxnin. Dawn ic-*chocks* kienu tqieghdu f'posthom minn Mr Borg. Huwa tenna li Mr Tanti u t-*technical manager* tal-*yard* Mr Azzopardi kienu offrew li jaghmlu din l-azzjoni fi *statement* iffirmata.

Fix-xhieda moghtija fit-23 ta' Jannar 2013 Mr Tanti ddikjara li ried ikun hemm raguni biex jirrizulta *misalignment* u ghalhekk qieghed jassumi li Mr Borg kien ghamel l-*alignment* tal-magna b'mod korrett waqt l-installazzjoni u qed jinjora l-*issue* tac-*chock plate*.

Ix-xhud sostna li kull meta nbidel il-*cutlass bearing* ma jidhirx li l-*yacht* kien involut f'xi kolluzjoni jew *grounding*. Filfatt John Ross li huwa *surveyor* ma' Malta Yacht Surveys ma kien semma' xejn f'paragrafu 4 tal-ittra tieghu datata 8 ta' Gunju 2011. Din l-ittra tinsab ezebita fl-ewwel *supplementary statement* tax-xhud datat 12 ta' Ottubru 2012. Ix-xhud tenna li l-*yacht* Thor ghandu *Brunton Auto propeller*. Ghalhekk jekk jinqabad xi habel madwar ix-*shaft* dan jikkawza hsara lill-*propeller* delikat. Filfatt l-ebda hsara ma kienet saret.

Ix-xhud tenna li minn xhieda mismuha fil-Qorti jirrizulta li l-magna ma setghetx tigi *re-aligned* mal-*original chock plates* kif maghmulha minn Mr Borg. Dan ma kienx possibbli. Huwa ddikjara li kellhom jigu nstallati *chock plates* aktar hoxnin

sabiex ikun hemm *alignment* tajjeb. Ix-xhud stqarr illi ma jafx li hemm xi evidenza dwar xi kollizjoni, *grounding* jew *propeller shaft rope incident* fil-yacht. Ix-xhud jaf li jekk kien hemm xi kollizzjoni ma' xi oggett taht il-bahar kien ihalli hsara fil-partijiet ta' taht il-bahar tal-yacht. Huwa qal li dan mhux il-kaz kif hemm fix-xhieda u r-rapport ta' Mr John Ross ta' Malta Yacht Surveys. Huwa ddikjara li jekk huwa jitfa t-tort tal-*misalignment* fuq kolluzjoni jew *grounding* fl-*installer*, fil-verita' jkun qed iwarrab dawn il-fatti mportanti.

**Robert Stewart** xehed fid-9 ta' Ottubru 2013 bil-lingwa Ingliza fejn iddikjara li lura fl-1960 huwa kien ibahhar mar-*Royal Navy* u dam sas-sena 2000 fejn ottjena numru ta' certifikati li permezz taghhom sar *Yacht Master.* Huwa kellu ezami tejoretiku u iehor prattiku. Huwa qatta numru ta' vaganzi jivjagga bil-yachts. Fl-2003 huwa xtara yacht, ha l-yacht minn Majorca u hadu fl-i*Spanish mainland* u zammu hemm ghal tmintax-il xahar. Fis-sena 2005 gab il-yacht f'Malta u ghadu Malta sal-lum. Mistoqsi jekk bahharx barra mit-territorju Malti, wiegeb li iva, bil-magna l-gdida mar Sqallija wara s-sena 2007. Huwa ddikjara li qatt ma kien *chartered* il-yacht tieghu.

Ix-xhud spjega li qabel l-2007 huwa kellu *carbon stern seal*, li baghtiet minn debris u ramel. Huwa qal li jekk dan jigi fil-*carbon facings then it drips*, u l-habib tieghu qallu li kien hemm *seal* tajjeb li huwa *volvo seal*. Huwa ordna wiehed u nstallahulu l-konvenut. Huwa kien kuntent bix-xoghol li ghamillu Mr Borg fl-2007. Huwa kkonferma li f'Marzu 2008, il-yacht kellu magna gdida nstallata. Huwa ghandu *volvo warranty book*. Huwa kien ser jesebixxi kopja ta' dan il-*volvo book.* Ix-xhud tenna li fit-2 ta' Mejju 2008 kienet saret *sea trial* fejn kollox deher li kien tajjeb. Huwa qatt ma nduna b'xi *vibrations* lanqas. Huwa hallas lil Mr Borg ghal servizzi f'Awissu 2008. Huwa uza d-dghajsa fis-sajf tal-

2008 u qatt ma ra xi problemi u ghalhekk qatt ma kellem lil Mr Borg fuq xi problemi li seta' kien hemm. Huwa kkonferma li f'Mejju 2009 huwa baghat email lil Mr Borg biex jaghti s-*service* u ma ndikalu l-ebda problema.

Pero' f'Marzu 2009 huwa kien kellem lil Mr Borg rigward il-*cutlass bearing*. F'Marzu 2009 il-*cutlass bearing* kien inbidel mill-Malta Yacht Yard, maghrufa bhala Manoel Island Yacht Yard. Kien ix-xhud innifsu li ta struzzjonijiet lil Manoel Island Yacht Yard biex ibiddel il-*cutlass bearing*. Mistoqsi ghaliex ma kienx talab lil Mr Borg biex jaghmel ix-xoghol fuq il-*cutlass bearing*, wiegeb li f'dak iz-zmien huwa kien il-Yacht Yard u d-dghajsa kienet ukoll il-Yacht Yard. Id-dghajsa kienet qed isirilha *insurance survey* mitlub mill-kumpanija tal-assikurazzjoni stess. Is-surveyor John Ross kien qal li kien hemm *excessive clearance* fil-*cutlass bearing*, u tah il-parir biex jinbidel. Huwa ddecieda li jbiddlu dak il-hin stess. Huwa kkonferma li x-xoghol sar minn Manoel Island Yacht Yard u mhux minn Edgar Borg ghax id-dghajsa kienet diga' qieghda fil-yard. Ix-xhud jifhem li l-installazzjoni kienet tinkludi l-*cutlass bearing* u x-*shaft seal*. Il-garanzija li kienu tawh tal-Volvo tramite s-servizzi tal-konvenut ma tinkludix il-*cutlass bearing* u x-*shaft seal* izda hija ghall-magna biss. Huwa stqarr illi m'ghandux il-garanzija fil-pussess tieghu fil-prezent izda pprometta li jesebixxi kopja taghha.

Ix-xhud tenna li l-konvenut kien jaf li l-*cutlass bearing* kienet inbidlet f'Marzu 2009 u filfatt kien iddiskutiha mieghu. F'Marzu 2009, id-dghajsa kienet fuq l-art ghal *insurance survey* u ghal perjodu ta' gimgha izda mbaghad gie estiz ghal gimghatejn. Huwa mhuwiex cert jekk ghandux kopja tal-*istandard contract*. Mr Borg kien urieh il-*cutlass bearing* ta' qabel li kien nehha izda din ma kellha x'taqsam xejn mal-magna in kwistjoni ghax kienet tax-*shaft* ta' qabel. Pero' qal

li mhux minnu li l-*cutlass bearing* inghatatlu biex jistabilixxi l-kawza ta' *wear and tear*. Huwa sostna li qatt ma gew diskussi problemi relatati mal-*alignment* ma' Mr Borg qabel is-sena 2010. F'Marzu 2009 kien hemm xi mitt siegha fil-magna u filfatt f'Gunju 2009 kien hemm 113 siegha. Ghalhekk bejn Marzu u Gunju 2009 kien hemm zieda ta' tlettax-il siegha. Huwa kkonferma li fis-Sajf 2009 kien hemm *leak* fis-*circulating pump* u kien kellem lill-konvenut fuqha u talbu biex jara jekk ghadhiex koperta bil-garanzija. Huwa minnu li Mr Borg biddel il-pompa in kwistjoni fi zmien ragjonevoli. Dan sar ghax il-magna kienet ghadha koperta bil-garanzija.

Ix-xhud iddikjara li huwa kien prezenti waqt is-*survey* li sar fit-18 ta' Marzu 2009. Prezenti kien hemm ukoll il-mara tieghu u John Ross, kien hemm ukoll NDT surveyor li ghamel il-*fitness check* fid-dghajsa pero' mhux cert jekk kienx prezenti dak il-hin. NDT tfisser Non Destructed Testing li jsir fl-intier tad-dghajsa biex ikun cert li d-dghajsa hija *sea worthy*. Dan it-test irid isir fuq l-art. Dan is-survey sar ghal Yacht Master Insurance Services. Il-Yacht Master kellu certu ezigenzi pero' ma jistax jghid x'kienu ghax hu ghaddihom lil John Ross. Ix-xhud stqarr illi ma setghax jiccekja jekk kienx hemm vibrazzjonijiet peress li d-dghajsa kienet fuq l-art. Mistoqsi jekk l-*alignment* kienx iccekjat f'dik il-gurnata wiegeb li le ghax ma kienx mitlub li jsir dan fis-*survey*. Mistoqsi jekk John Ross iccekjax il-magna dakinhar wiegeb li ma jiftakarx. Pero' jaf li kien ghamel ammont ta' testijiet. Ir-rapport sar wara li kienet saret is-*survey*. Ix-xhud jaf li kien hemm certu emails li huma rilevanti li kienu ntbaghtu dak iz-zmien rigwardanti dan l-*alignment*. Huwa ma jafx bl-ispezzjoni li kienet saret minn John Ross fis-26 ta' Marzu u m'ghandu l-ebda dokumentazzjoni rigward din l-ispezzjoni. Huwa mhux cert jekk il-konvenut kienx infurmat fuq il-*clearance* il-gdid li nstab fuq point four millimetres u dan fis-26 ta' Marzu mill-Malta Yacht Service. Mistoqsi jekk il-Manoel Island Yacht Yard hargux rapport rigward dan

wiegeb li sa fejn jaf hu kienu tawh invoice. Huwa ma kienx prezenti waqt li kien qed isir ix-xoghol biss probabilment kien qieghed fil-vicin. Mistoqsi jekk jafx min kien hadem fuq id-dghajsa fil-Manoel Island Yacht Yard wiegeb li ma jafx. Mistoqsi jekk setghax kien Mr Tanti wiegeb li huwa jiftakru fuq xoghol li sar fl-2010 u mhux qabel. Huwa mhux cert lanqas jekk Mr Azzopardi kienx qed jahdem fil-Yacht Yard fl-2009 jew le. Ix-xhud kien tkellem ma’ Mr Azzopardi u kien mar fl-ufficju tieghu. Mistoqsi jekk Mr John Ross kienx prezenti waqt li kien qed isir ix-xoghol fl-2009 wiegeb li ma kienx prezenti ghax hu kien qal x’hemm bzonn li jsir fis-survey biss. F’Mejju tal-2009 huwa kien baghat email lil Mr Borg fejn iddikjara li huwa pprova d-dghajsa u kienet tajba wara saghtejn. Din l-email giet ezebita u mmarkata mill-Qorti bhala Dokument ZZ. Pero’ huwa mhux cert ghaliex kienet intbaghtet din l-email. Pero’ kien sar xi xoghol possibilment xi *service* jew xi tibdil fil-pompa.

F’Novembru 2010 meta x-xhud kien hareg id-dghajsa mill-ilma ghal *anti fouling treatment* huwa kien iffirma *standard contract* li jinsab fil-process. Mistoqsi jekk kienx iffirma kuntratt simili fl-2009 huwa wiegeb li iva kieku kien iffirmah il-kuntratt. Mistoqsi ghaliex il-*cutlass bearing* kien iccekjat tmintax-il xahar wara li gie nstallat wiegeb li biex isir dan, id-dghajsa trid tkun fuq l-art u ghalhekk giet iccekjata f’Novembru 2013. Mistoqsi kemm kien eccessiv il-*clearance* f’Novembru meta l-yacht kien barra mill-ilma wiegeb li ma kejlux pero’ x-shaft kien seta’ jitressaq ‘il fuq u ‘l isfel. Dan huwa ndikattiv li kien hemm *clearance* eccessiv u li ghalhekk kien hemm xi haga hazina. Ix-xhud kien prezenti fil-mument li l-magna tad-dghajsa kellha 240 siegha u dan fl-2013. Fis-sena 2010 dan l-ammont naturalment ikun hafna inqas. F’Novembru tal-2010 ma kien hemm l-ebda surveyor prezenti ghax ma kien hemm l-ebda bzonn tal-prezenza tieghu. Huwa kien induna bil-*clearance* eccessiv dakinhar u l-Manoel Island Yacht Yard kienet qablet mieghu. Ix-xhud ghandu r-rapporti ta’ kien sar

ix-xoghol biss u ghandu email minn Mr Azzopardi rigward ic-*chok plate* li hemm taht il-magna. Huwa ha xi ritratti u baghat ritratt minnhom lil Mr Borg u probabilment ta wiehed lil John Ross. Huwa jahseb li huwa parti mill-evidenza wkoll. Id-dghajsa probabilment ittellghet tliet darbiet fix-xahar ta' Novembru fil-Manoel Island Yacht Yard. Pero' l-Manoel Island Yacht Yard iccargjathom ta' tnejn u x-shafting ma nbidilx l-ewwel darba li d-dghajsa kienet fuq l-art. Dan ix-*shafting* ma kienx inbidel f'Marzu 2009 lanqas. Ghalhekk f'Novembru 2010 kien hemm ix-*shaft seal* originali u cioe' dik imqieghda minn Mr Borg. Din inbidlet f'Novembru 2010 meta s-seal kien qed jillikja. Pero' Mr Borg kien infurmat b'din il-bidla permezz ta' email datata 24 ta' Novembru 2010 li tghid li s-*seal* l-antika kienet qieghda f'*misaligned position* u li x-*shaft* falla u li d-dghajsa kienet *due* fil-gurnata li jmiss. Huwa kien ser jesebixxi kopja ta' din l-email permezz tal-avukat tieghu. Huwa baghat email ohra fit-23 ta' Novembru lill-konvenut fejn infurmah li d-dghajsa kienet sejra fil-*yacht yard* l-ghada filghodu u cioe' fl-24 ta' Novembru u ndikalu x'hin se jkun fil-marina. Filfatt huwa kellu jiltaqa' ma' Mr Borg fil-Marina nhar l-24 ta' Novembru 2010 pero' ma ltaqghux ghax kien hemm il-bidla fix-*shaft seal.* Konsegwentament wara li d-dghajsa tlestiet fil-25 ta' Novembru 2010 huwa telaq mill-gzira.

Ix-xhud jaf li f'Dicembru 2010 huwa kien ircieva korrispondenza minghand Mr Borg fejn kien issuggerixxa x'seta' gara. Ix-xhud gharaf l-email li giet immarkata mill-Qorti bhala Dokument T. Pero' x-xoghol kien diga' sar u filfatt il-konvenut kien jinsab l-Italja dak iz-zmien li sar ix-xoghol. Ix-xhud stqarr illi Mr Borg kien f'kuntatt mieghu meta kien qed isir l-*alignment*. Mistoqsi ghaliex kien ipprezenta s-*survey report* immarkat bhala CSH1 li jinsab a fol 44 wiegeb li dan kien mitlub mill-*insurance company*. Mistoqsi ghaliex din l-*insurance company* riedet tappunta espert iehor wiegeb li huma riedu dan qabel ma jitla' l-qorti. Huwa ghamel *insurance claim* fuq din il-kwistjoni dwar ix-xoghol kollu li sar fuq

il-*misalignment* tal-magna. Ix-xhud ma jafx min kien ta l-mistoqsijiet lil Mr Ross; li jaf huwa li ma kienx hu. Mistoqsi jekk jafx li l-*insurance company* kinitx infurmata bix-xoghol maghmul minn Manoel Island Yacht Yard wiegeb li iva kienet taf. Dan ix-xoghol kien sar bhala rizultat tal-*misalignment* tal-magna. Ix-xhud ma jafx ghaliex ma kienx hemm mistoqsijiet diretti lil Manoel Island Yacht Yard ghax ir-rapport ma ghamlux hu. Il-Manoel Island Yacht Yard ma kinitx ser tinduna bil-vibrazzjoni ghax hija qatt ma kienet fid-dghajsa meta kienet fil-bahar. Ix-xhud spjega li r-raguni ghaliex huwa ma ndunax bil-vibrazzjonijiet ghax inti tidra l-hoss tal-magna. Huwa stqarr illi mhux espert tekniku u li dak kien il-hoss li sema' mill-bidu nett. Mr Tanti kien ikkonferma max-xhud li l-problema li kienet qed tiffaccja d-dghajsa kienet relatata mal-installazzjoni u li l-magna ma kinitx installata kif suppost u ghalhekk wassal ghall-*misalignment*. Mr Tanti iddikjara bil-miktub li *choks* ma kienux hoxnin bizzejjed u cioe' dawk li huma mqieghda taht il-magna. Ghalhekk id-dghajsa ma tistax tigi *aligned* ma' dawn ic-*choks*. Pero' meta Mr Tanti xehed fil-Qorti ma ghamel l-ebda referenza ghal dan. Mistoqsi jekk qattx kellem lil Mr Christian Ripard biex jiddiskutu l-problema huwa wiegeb li le.

**John Ross** xehed bil-lingwa Ingliza fit-13 ta' Gunju 2012 fejn iddikjara li huwa *marine surveyor* li jispecjalizza fil-kostruzzjoni ta' dghajjes zghar. Huwa kkreditat mill-Yacht Surveyors and Association. Huwa wkoll surveyor mal-Gvern tal-vapuri hawn Malta.

Huwa spjega li kien ircieva struzzjonijiet biex jaghmel *insurance survey*. Din tintalab mill-kumpanija ta' l-assikurazzjoni meta l-vapur ikun ilu hmistax-il sena. Huwa rcieva struzzjoni minghand is-sid tal-vapur li hu Bob Stewart, maghruf ahjar bhala Robert. Dan is-survey sar fit-18 ta' Marzu 2009. Dan huwa

survey limitat li jintuza' mill-insurance biex jevalwa r-riskju ahjar. Sussegwentament huwa kien rega' gie kkuntatjat minn Robert Stewart. Huma regghu staqsew biex jaraw il-*paperwork* u biex jaraw il-vapur in kwistjoni peress li kien hemm xi hsara fis-*sternship.* Kien hemm ukoll *paper trail* minhabba li l-magna kienet inqalghet u giet mibdula fl-istess vapur. Huwa gie nfurmat ukoll illi Robert Stewart kien f'kuntatt mal-*insurance company* biex jiehu azzjoni legali u l-insurance talbitu ghall-opinjoni tax-xhud.

Ix-xhud spjega illi ghamel rapport li gie esebit u mmarkat bhala Dokument CSH. Dan kien parir moghti lil Robert Stewart u lill-Insurance tieghu biex jiddeciedi jekk ghandux jipprocedi bl-azzjoni legali. Huwa sostna li dan ma kienx parir ghall-Qorti imma kienet *pre-opinion* tieghu dwar jekk ghandhiex tinfetah kawza jew le. Mistoqsi x'effettivament ghamel, huwa kkonferma li kien mar fuq id-dghajsa u ra l-installazzjoni. Dan kien f'Marzu 2011. Bejn l-ewwel u t-tieni survey huwa kkonferma li l-magna kienet tnehhiet mid-dghajsa u regghet giet installata. Huwa kkonferma wkoll illi kien sar hafna xoghol fuqha.

Mistoqsi mill-Qorti ghaliex kien hemm il-bzonn li tinbidel il-magna, huwa stqarr illi fil-*yard* indunaw li kien hemm *misalignment* tal-magna. Dan wassal ghal hsara fl-i*stern tubes*, li huma parti mill-istruttura tad-dghajsa. Huwa esebixxa *survey report* li gie mmarkat mill-Qorti bhala CSH1.

Ix-xhud spjega li dan *l-engine alignment* m'ghandux ikun parti mill-*Insurance Renewal Survey*. Minhabba li l-*outer bearing* kien qed jispicca malajr, huwa haseb li seta' kien hemm *misalignment* u beza' li ghalhekk kien li ccekjawh fil-*yard*. Sussegwentament huwa rcieva r-rapporti kollha li saru fil-*yard* li kienu in konnessjoni max-xoghol li ghamel Edgar Borg. Dan kien jinvolvi f'tiswija fuq il-

magna u fuq l-istruttura tal-i*stern tube*. Huwa ma kellux kopja fuqu ta' dawn id-dokumenti pero' kkonferma li qeghdin ghandu.

Ix-xhud spjega li l-i*stern tube* qieghda fuq wara tad-dghajsa u tghaddi gol-*propellar*, ghal gox-*shaft.* Huwa kkonferma li minflok f'nofs ix-*shaft*, dan l-i*stern tube* kien fil-qiegh u ghalhekk il-magna kienet 18 millimetru barra mill-*alignment*. Huwa kompla jispjega li l-*inboard engine diesel* kien *misaligned* u minhabba li x-*shaft* kien qed imiss l-i*sterntube*, dan wassal ghal hsara kbira. Ghalhekk il-*yard* kellha tbiddel dan l-i*sterntube* u terga' taghmel *alignment*. Meta regghu ppruvaw jaghmlu dan l-*alignment* fil-magna, huma sabu li kien impossibli li jaghmlu l-*mounting* u ghalhekk ghamlu 20 millimetru *alluminium plate* biex thaffef il-*mounting* tal-magna. Ghalhekk, jgholluha minn isfel u jgibu b'*alignment* max-*shaft* biex ix-*shaft* u l-magna jkunu perfettament ma' xulxin. Huwa sostna li kif kien is-setup qabel, kien ikun impossibli biex isir l-alignment u kien ghalhekk li sar l-*aluminium plate*.

Huwa kien gie nfurmat li dawn ix-xoghlijiet kienu saru minn Edgar Borg. Huwa kkonferma li l-*aluminium plates* ma tqieghdux minn Edgar Borg imma mix-shipyard fi stadju ulterjuri. Huwa kkonferma li fir-Rebbiegha tas-sena 2008, Edgar Borg installa magna gdida fid-dghajsa u s-*shaft propellar* gie mnehhi. F'dak iz-zmien Edgar Borg kellu l-inkarigu li jiccekja li kien hemm *alignment* tajjeb bejn il-magna u x-*shaft*. Pero' meta x-xhud ghamel is-*survey* fuq id-dghajsa f'Marzu ta' l-2009, huwa nduna li l-*outer bearing* kien bil-hsara. Huwa qal b'dan lis-sid fejn wiegbu li l-magna kienet ilha biss mitt siegha tahdem. Dan kien eccessiv meta tqabbel il-magna maz-zmien li hadmet. Kien hawnhekk fejn ix-xhud qallu biex jiccekja l-*alignment* tax-*shaft*. Fl-24 ta' Marzu 2009, il-*yard* biddlu l-*cover* tal-*bearing.* Huwa rega' mar jara d-dghajsa u qal li kien hemm

*clearance* eccessiv avolja kien gdid. F'Novembru 2010 id-dghajsa regghet giet mghollija fejn instab li l-*cover bearing* kien spicca u kien hawn fejn induaw li l-magna kienet 18-il millimetru vertikalment *misaligned* u 3 millimetri orizzontalment *misaligned*. Sussegwentament il-*yard* sewwiet il-hsara u nstallat l-*aluminium plate* tajjeb taht il-magna. F'Marzu 2011, huwa ghamel is-*survey* report li gie esebit fil-Qorti.

**John Ross** rega' xehed bil-lingwa Ingliza, tradotta ghall-Malti mill-Qorti seduta stante, nhar l-4 ta' Lulju 2012 fejn stqarr li minn meta kien xehed l-ahhar nhar it-13 ta' Gunju 2012 huwa ra l-manual specifiku li jaghti dimensjonijiet specifici dwar il-manteniment tal-magni u l-installazzjoni ta' magna gdida f'dghajsa. Huwa spjega li effettivament Edgar Borg kellu jinstalla magna gdida. Huwa ra wkoll ix-xoghlijiet li saru f'Manoel Island Yard, u qal li l-'*engine mounting spacers'* ma kienux ta' daqs tajjeb. Bl-*ispacers* li gew installati ma kienx possibli sabex ikun hemm alignment tajjeb tal-magna. Naturalment l-ahjar haga kienet tkun li thares u taghti titwila l-*manual* sabiex wiehed isegwi l-istruzzjonijiet imsemmija u moghtija fih. F'dan il-kaz il-magna kienet imposta baxxa hafna u ghalhekk zgur li min wehhel il-magna ma harisx lejn il-*manual.* Huwa pprezenta rapport aktar dettaljat li gie mmarkat bhala dokument JR li jindika kif kellha ssir l-installazjoni ta' magna gdida. Huwa kkonferma il-kontenut tar-rapport tieghu.

**John Ross** xehed in kontro-ezami bil-lingwa Ingliza fil-15 ta' Lulju 2013 fejn ikkonferma li r-rapport esebit fl-atti datat 18 ta' Marzu 2009 huwa filfatt rapport maghmul mix-xhud stess minhabba l-assigurazzjoni u jinkludi dak kollu li hemm bzonn ghall-*insurance survey report*. Filfatt kienet spezzjoni biex tara r-riskju ta' din id-dghajsa partikolari. Ix-xhud spjega li din hija l-procedura normali li meta dghajsa jkollha aktar minn hmistax-il sena, il-kumpanija tal-

insurance titlob li jsir *general survey*. Dan is-survey kien l-ewwel wiehed li sar fuq din id-dghajsa.

Mistoqsi kif sar jaf lis-sid tad-dghajsa wiegeb li probabilment kien minn *website inquiry*. Mistoqsi jekk kienx hemm xi *insurance claim* f'dan l-istadju wiegeb illi ma kienx hemm sa fejn kien jaf hu. Mistoqsi jekk id-dghajsa qattx bahhret barra mill-bahar Mediterran wiegeb li ma jafx. Huwa stqarr illi mhux xoghol is-*surveyor* li jara x'fih il-log book. Mistoqsi jekk is-sidien qattx marru l-Grecja bid-dghajsa in kwistjoni fl-2003 wiegeb li ma jafx.

Mistoqsi kemm irid ikun hemm *clearance* f'*cutlass bearing* wiegeb li dan ivarja skond is-*shaft*. La darba dan il-*clearance* jasal vicin millimetru wiehed, huma jitolbu ghal *renewal*. Mistoqsi jekk kinux infurmaw lis-sid rigward il-problema tal-*alignment* tal-*cutlass bearing* wiegeb li iva kienu nfurmaw lis-sid u filfatt is-sid kien informa lix-*shipyard*. Mistoqsi jekk is-sid ikkummentax wiegeb li ma seta' jghid xejn ghax huwa kemm jikteb ir-rapport u jghaddih lill-klijent u jekk ikun mistoqsi fuq dan ir-rapport huwa jkun jista' jwiegeb u jiddefendi r-rapport. Mistoqsi jekk kienx jaf meta kien hemm l-istepping li jmiss wiegeb li ma jafx. Mistoqsi kif wasal ghall-konkluzjoni dwar kemm il-magna ilha tahdem f'numru ta' sighat wiegeb li hemm is-sors fir-rapport tieghu. Filfatt f'pagna 15 tar-rapport tieghu jghid li l-magna hija mudell tal-2007 u kienet installata tajjeb. Mistoqsi x'tip ta' xoghol jinheba fl-installazjoni tal-magna wiegeb li l-informazzjoni li kellu fuq id-dghajsa hija ta' x'hin kien qed jaghmel l-ispezzjoni u ghalhekk ma jafx x'gara qabel.

Ix-xhud spjega illi meta ghamel ir-rakkomandazzjonijiet tieghu f'pagna 41 tal-atti dawn kienu rigward il-periklu tad-dghajsa u tal-crew u jitrattaw fuq *safety*

*items.* Rigward il-*cutlass bearing* spjega li dan huwa oggett ta' *maintenance* kif hemm miktub fit-*text bearing* fejn kien hemm numru eccessiv ta' sighat imnizzla u ghandu jinbidel fid-*drydocking* li kien imiss. Pero' huwa tenna li ma kien hemm l-ebda *time skill* ghax din it-tip ta' dghajsa generalment jinhargu mill-bahar darba fis-sena. Ix-xhud jaf li Edgar Borg ma kellux kopja tar-rapport li hu ezebit fl-atti. Pero' x-xhud tenna li qatt ma kien hemm komunikazzjoni ma' Edgar Borg rigward id-dghajsa in kwistjoni ghax huwa kien jitkellem biss ma' sid id-dghajsa.

Ix-xhud stqarr illi f'Jannar 2011 sar jaf l-ewwel darba b'din id-dghajsa. Huwa ma kien ghamel l-ebda spezzjoni fil-perjodu ta' bejn it-18 ta' Marzu 2009 u d-9 ta' Mejju 2011. Huwa ma jaf bl-ebda xoghol li sar fuq id-dghajsa. Huwa mar jara d-dghajsa fis-26 ta' Marzu 2009 fejn gie mgharraf illi l-*cutlass bearing* kien inbidel. Ix-xhud qal illi meta kien fil-*yard* fuq xi xoghol iehor, huwa mar jiccekja d-dghajsa in kwistjoni u sab illi kien ghad baqa' 0.4 millimetri *clearance*. Mistoqsi min kien biddel il-*cutlass bearings* fl-2009 wiegeb li ma jafx pero' jassumi li kienet ix-*shipyard*. Huwa ma ghamilx rapport fuq dan il-punt, jemmen li kienet telefonata jew email. Huwa stqarr illi mhux ir-rwol tieghu li jiddiskuti dawn l-affarijiet. Ix-xhud stqarr illi huwa kien jitkellem biss ma' sid id-dghajsa u kien jiddiskuti l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu mad-dghajsa mieghu biss. Huwa ma jafx jekk kienx tkellem mas-sid biex jghidlu jmur ikellem lil Edgar Borg fuq din il-kwistjoni. Huwa ma jafx lanqas min kien ordna c-*changing shaft* ghax huwa xoghlu kien li jipprovdi *survey insurance report* u huwa hekk ghamel.

Mistoqsi jekk hax ritratt ta' dan il-*clearance* wiegeb li ma hax ghax hija difficili biex tiehu ritratt tieghu. Ix-xhud tenna li hija accettabbli ghalkemm ma kinitx

tajba ghal *bearing* gdid. Mistoqsi jekk jistax jikkummenta fuq ix-shaft wiegeb li le ma jistax. Huwa sostna li waqt li l-*insurance survey* huwa jkun hares lejn ix-*shaft seal*. Ix-xhud tenna li ma kienx sar *survey* shih izda kienet saret spezzjoni minnu stess fuq l-*engine box* u huwa ra d-dokumentazzjoni kollha li kienet provduta lilu mis-sid. Dan sar meta x-xhud gie kkuntatjat ghall-ewwel darba fuq din il-kwistjoni.

Ix-xhud cahad li l-problema bdiet wara s-26 ta’ Marzu 2009. Huwa ma jafx jekk id-dghajsa kinitx fuq l-art fis-16 ta’ Marzu 2010 ghax huwa kien inghata struzzjonijiet biex jaghmel ir-rapport aktar ‘il quddiem. Huwa nghata dokumentazzjoni mix-*shipyard* fejn hemm miktub illi d-dghajsa kienet fuq l-art fl-24 ta’ Novembru 2010. Dan gara meta ndunaw li kien hemm problema bli-*sternship* fix-*shipyard*. Ix-xhud kien infurmat li meta d-dghajsa kienet max-xatt indunaw li kien hemm *excessive clearance* u ghalhekk taw parir lis-sid biex jiccekja x-*shaft* jekk hix dritta u jiccekja l-*alignment*. Huwa qatt ma gie mitlub biex jiehu hsieb id-dghajsa. Skont is-sid, il-*cutlass bearing* inbidel fil-*yard* bejn is-17 ta’ Marzu u 26 ta’ Marzu 2009. Ix-xhud tenna li l-informazzjoni li kiteb fit-*timeline of events* miktuba f’pagna 46 kienet inghatatlu minn ittri mill-*yard*. Huwa ma jafx jekk Edgar Borg kienx infurmat b’dan. Fl-istess pagna x-xhud kien kiteb li kien hemm *insurance claim* f’Jannar 2011. Mistoqsi jekk jafx bid-dettalji ta’ din il-*claim* huwa wiegeb li ma jafx. Huwa kien ghamel rapport qasir lill-*insurance* biex jara jekk ridux jipprocedu jew le bil-*claim*. Jekk mhux sejjer zbaljat l-insurance iddecidiet mir-rapport tieghu li hemm esebit fl-atti bhala Dok CSH1.

Ix-xhud tenna li Mr Manduca kien talbu jekk kienx lest li jitla’ jixhed il-Qorti fuq ir-rapport li ghamel. Ix-xhud spjega li dan ir-rapport huwa ghas-sid tad-dghajsa

u ghalhekk il-kummenti huma diretti lilu u minghajr referenza ghal hadd in partikolari. Mistoqsi min ipprovidielu l-mistoqsijiet imnizzla fir-rapport, huwa qal li dawn huma mistoqsijiet tieghu li huwa jahseb li kienu pertinenti ghall-kaz. Mistoqsi jekk kienx hemm *misalignment* f'Marzu 2009 wiegeb li ma jafx. Huwa sostna li hu mpossibli li tara jekk hemmx hsara fis-*sterntune* ghax dan issibu fis-*stern bearing*. Huwa spjega li jekk il-magna tkun f'postha ma jsirx hsara fis-*stern.* Mistoqsi jekk kinitx f'postha fl-2009 huwa wiegeb li le ghax ma tkunx parti fir-rapport ghall-fini tal-*insurance*. Mistoqsi min semma t-tmintax-il millimetru li jidhru f'pagna sitta tar-rapport wiegeb li kienu mnizzlin fl-ittra tas-*shipyard* li qieghda annessa (annex 2) mar-rapport. Huwa kkonferma li l-*engineering supervisor* tal-*yacht yard* kien issuggerixxa dan. Ix-xhud sostna li huwa ma setghax ikun jaf jekk kienx hemm *misalignment* ta' tmintax-il millimetru fis-sena 2009. Fis-sena 2009 huwa kien informa li seta' kien hemm *misalignment* li kien qed jikkawza *premature ware* tal-*bearing*. Filfatt fir-rapport tieghu hemm miktub li l-konsegwenzi setghu graw minhabba dan il-*misalignment*. Huwa bbaza kollox minn dak li qaltlu l-*yard* ghax huwa ra d-dghajsa ghall-ewwel darba sentejn wara. Huwa bbaza l-konkluzjonijiet tieghu mir-ritratti li kien inghata. Filfatt fir-rapport li hemm fil-file li jikkonsisti f'erbatax-il pagna hemm ritratt li jura b'mod car is-*stern*. Dan ir-ritratt ma kienx possibbli li ittiehed fl-2009 peress li dak iz-zmien kien mghotti b'parti ohra tal-magna. Dan ir-ritratt mhux mehud mix-xhud innifsu.

Mistoqsi jispjega x'ried ifisser b' "*good practice was not followed"* f'pagna 48, huwa stqarr li *good practice* tfisser meta persuna timxi mal-istruzzjonijiet tal-manifattur u milli ra hu seta' jikkonkludi li ma kienx il-kaz. B'referenza ghall-ittra li tinsab a fol 89 hu kkonferma l-kontenut tal-ittra fejn hemm il-firma tieghu. Din kienet risposta ta' korrispondenza mibghuta lilu mis-sid tad-dghajsa. Huwa wasal ghall-konkluzjoni mir-ritratti u korrispondenza li

nghatatlu li kien hemm *misalignment* mill-mod ta’ kif Mr Borg kien installa l-magna. Jekk ma kienx sejjer zball is-sid kien ikkuntatja lil Mr Borg u ghamel certu allegazzjonijiet u Mr Borg kien wiegeb b’certu allegazzjonijiet ohra fejn huwa rrifjuta l-*claim*, fis-sens li kien is-sid li talab biex jigi kkumpensat ghall-hsara li sofra. Meta x-xhud sar jaf bil-kaz, din il-problema kienet diga’ giet solvuta mix-*shipyard* u ghalhekk huwa ma seta’ jara xejn dwar dan. Kienet ix-*shipyard* stess illi ghamlet *re-alignment* tal-magna u ghamlet *stern tube* gdid. Dan jirrizulta mill-ittra li hemm annessa mar-rapport mmarkata bhala *annex 1*. Ix-xhud ghamel ezaminazzjoni tal-kaz skont id-dati li hemm imnizzla fir-rapport u cioe’ f’Marzu 2011. Ghalhekk f’Marzu 2011 huwa kien iccekja personalment l-installazjoni tal-magna. Ir-ritratti li hemm ezebiti f’pagna 6 u 7 tar-rapport tieghu li hu mmarkat bhala Dokument JR kienu ttiehdu minnu stess. L-izball li ghamel referenza ghalih fl-ittra ezebita f’pagna 89 li hi datata 8 ta’ Gunju 2011 u mmarkata b’bullett numru 2 jirreferi ghal zball li sar fis-*space log*, li l-magna kienet immontata l-isfel hafna fid-dghajsa. Dan mhux parti mill-iskop tal-*insurance* li ticcekja dan. Il-hsara nkixfet meta l-magna kienet zarmata izda f’Manoel Island kienu bidlu biss l-*outer cutlass bearing* fl-2009.

**Jeffrey Azzopardi,** rapprezentant ta’ Manoel Island Yacht Yard xehed nhar is-17 ta’ Ottubru 2012 fejn stqarr li huwa jokkupa l-kariga ta’ O*perations Manager* gewwa Manoel Island. Mistoqsi sabiex jixhed dwar il-Yacht, bl-isem ta’ Thor tenna li jiftakar li l-yacht kien gie ghandhom sabiex ibiddlulu *cutlass bearing*. Ikkonferma li ghamlu t-tibdil pero’ fil-process kienu gibdu l-attenzjoni tas-sid tal-yacht dwar jekk xtaqx jiccekkja xi affarijiet ohrajn fosthom l-*alignment* tax-*shaft* u l-i*straightness* tas-*shaft* u dan talabhom sabiex jiccekjawhom. Zied jghid li l-i*straightness* tas-*shaft* kienet tajba waqt li l-*alignment* kellu bzonn jikkoregi ruhu, u naturalment ikkonferma li kkoregewh. Esebixxa kopja tar-rapport dwar it-tiswijiet li huma ghamlu fuq il-*yacht* liema

dokument gie mmarkat mill-Qorti bhala dokument MI u MI1 rispettivament. Mistoqsi jekk hu rax ix-xoghol li effettivament kellu jsir fid-dghajsa, iddikjara li ma rahx, u tenna li kien is-*supervisor* tieghu li rah.

**Jeffrey Azzopardi** rega’ xehed fil-5 ta’ Dicembru 2012 fejn iddikjara li qed jixhed ghan-nom u in rapprezentanza ta’ Manoel Island Yacht Yard. Huwa esebixxa fotokopja tal-fajl rigwardanti l-bastiment Thor mizmum minnhom in konnessjoni ma’ din il-*claim*. Dan id-dokument gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument Z.

**Jeffrey Azzopardi** xehed in kontro-ezami fis-6 ta’ Marzu 2013 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta’ *technical manager* fil-Manoel Island Yacht Yard u ilu jahdem hemm minn Lulju tas-sena 2010. Mistoqsi ghaliex juzaw il-kuntratt *standard storage contract* li kopja tieghu jinsab esebit fl-atti a fol 93, spjega li dan huwa kuntratt li jigi ffirmat minn kull persuna li jtella’ dghajsa fil-Manoel Island Yacht Yard. Il-kuntratt in kwistjoni gie ffirmat fl-4 ta’ Awissu 2010. Mistoqsi ghaliex hemm indikat meta d-dghajsa kienet skedata ghal-*lifting* u *lowering* fid-dati li hemm indikati qal li dawn il-granet setghu gew maghzula kemm mill-klijent stess kif ukoll dati moghtija mill-*yard* cioe’ meta jkun hemm l-*availability*. Mill-ewwel indikazzjoni kien jidher li dan kien *winterising* tas-soltu, normali. Huwa pero’ mill-kuntratt ma jkunx jaf ezatt ir-raguni ghaliex sar dan il-*lifting* u *lowering* f’dak iz-zmien. Ix-xhud spjega li una volta d-dghajsa tittella fuq l-art, sid id-dghajsa jmur ghandhom biex jara x’tip ta’ xoghol ikun hemm bzonn li jsir. Ghalhekk ix-xoghol ma jkunx kollu determinat minn qabel.

Ix-xhud iddikjara li huwa qatt ma ltaqa’ ma’ sid id-dghajsa in kwistjoni. F’dan il-kaz jaf li sid id-dghajsa kien staqsihom x’kienu r-ragunijiet ghaliex imur il-

*cutlass bearing* u lill-klijent joffrulu diversi testijiet li jistghu isiru biex tigi stabbilita r-raguni ghaliex dan isir u f'dan il-kaz partikulari huma offrewlu li jaqalghulu x-*shaft* sabiex jaraw jekk ix- *shaft* kienx mghawweg u x'kienet ir-raguni. F'dan il-kaz il-klijent accetta u ghamlu hekk. Mhux normali li jiehdu ritratti waqt li jkun qed isir ix-xoghol. Dan huwa kaz komuni ghalihom. Lanqas huwa normali minn naha taghhom illi jqabdu xi surveyor u f'dan il-kaz ma kienx hemm. Huwa ma jafx jekk il-klijent minn naha tieghu igibx surveyor hu.

Mistoqsi kif jista' jghid li l-i*straightness* tax-*shaft* kien tajjeb, spjega illi jpoggu x-shaft fuq zewg V blocks u jiccekjawh bil-*clogage*, idawru u tara kemm hu *out*. F'dan il-kaz qal li kien accettabli u qatt ma jkun perfett. Il-klijent ma talabhomx rapport formali f'dan il-kaz. Fil-*job card* ikun hemm imnizzel li huma ccekjawh. Huwa personalment ma hadimx fuq id-dghajsa. Huwa xoghlu mhux li jahdem fuq id-dghajsa.

Mistoqsi ghaliex kiteb ir-rapport datat 24 ta' Novembru 2011 a fol 95 qal li dan ghamlu fuq talba tal-klijent stess. Hu kien talab lix-xhud sabiex jaghmillu rapport fuq *job* partikolari li ghamlulu. Jista' jkun li kien qallu pero' huwa bl-amment ma jiftakarx. Huma bhala prattika ma jaghmlux rapport dettaljat fuq bicca xoghol li jaghmlu, pero' jekk il-klijent jitlobhom huma jaghmluh. F'dan il-kaz sid id-dghajsa kien qalilhom li kellu *excessive clearance* u huma fil-fatt ghamlu l-verifiki biex jaraw jekk huwiex minnu jew le. Fil-fatt huma qalghu x-*shaft* fuq talba ta' sid id-dghajsa. Is-soltu bhala procedura meta jtellghu dghajsa, sid id-dghajsa jghidilhom xi jkun jixtieq li jsir fid-dghajsa. Bhala *standard jobs* li jaghmlu meta jaghmlu l-*lifting* tad-dghajsa, jaghmlu high *pressure washing* u jieqfu hemm. Huwa kkonferma li kien hemm *excessive clearance* f'dan il-kaz. F'dan il-kaz huma ma qabdux u biddlu l-cutlass bearing

minnufih u biss sempliciment ghax is-sid ried ikun jaf ir-raguni ghaliex kien hemm bzonn dan it-tali tibdil. Naturalment biex jinqalgha x-*shaft* trid tnehhi l-*isteel* ta’ ma’ mieghu.

Mistoqsi jekk ghandux xi ritratti dwar meta ccekjaw biex jaraw dwar l-*alignment* tal-magna qal li le m’ghandhomx. Ix-xoghol tal-*alignment* kien sar sew fil-fehma taghhom. Naturalment il-magna trid iccaqlaqha sabiex tigi *insinged* mal-*alignment* gdid tax-shaft u fil-fatt kellhom jigu nstallati chocks godda. Ix-xhud saritlu referenza ghal rapport datat 28 ta’ Frar 2011 u qal li dan inhareg wara li s-sid kien talbu specifikament kemm kienu caqalqu l-magna u hu kitiblu bil-miktub. Dan huwa rapport fuq l-istess xoghol li kienu ghamlu, ma regghux tellghu d-dghajsa mill-bahar u ma regghux ghamlu xoghol lanqas. Is-sid kien ried aktar dettall fuq l-ewwel rapport li kien ipprezenta. Ghalhekk dan jirreferi ghax-xoghol li kien sar minnhom f’Novembru tal-2010. Mistoqsi kif irrizultalu li fil-fatt il-magna kienet tmintax-il millimetru iktar baxxa mix-*shaft line*, qal li filfatt meta huma kienu nstallaw ix-*shaft* il-gdida kellhom jghollu l-magna biex tigi insinged max-*shaft* impoggija u b’hekk kellhom jgholluha 18 millimetres. Huwa pero’ ma ghamilx spezzjoni personali, qaghad fuq dak li qallu l-*engineerinig supervisor* Anton Tanti. Tanti kien is-*supervisor* responsabbli mix-xoghol u mbaghad kien hemm il-*fitter* li hadem. Ix-xhud ma jiftakarx min kien il-*fitter* f’dan il-kaz. Huwa ma jistax jghid jekk sid id-dghajsa kienx prezenti jew le.

Ix-xhud stqarr li l-*job description* imsemmija fl-invoice esebita fl-atti a fol 94 ma tinkitibx minnu ghax tinkiteb mill-*job invoicer* u fl-ewwel rapport dehrlu li ma kellux isemmiha. Huwa spjega li *chocks* huma *spacers* li joqghodu taht il-magna u naturalment biex tkun taf kemm ser ikunu hoxnin trid tkejjel. Pero’ ix-xhud

ma ghandux dokumentat fejn sar il-kejl. Huwa spjega li ma jiehux nota ta' dawn id-dettalji jekk ma jigix mitlub biex jaghmel rapport. Mistoqsi jekk hemmx xi *reading* ta' *clearance* qal li mhux normali li jsir wara, u qabel ma jidhirlux li ghandu. Jekk ma jigix mitlub rapport ma joqghodx jiehu nota ta' dawn id-dettalji. Mistoqsi jekk jafx x'tip ta' xoghol kien sar mill-Manoel Island yacht yard fuq dan il-bastiment Thor qabel is-sena 2010 qal li ma jafx.

**Anton Tanti** xehed nhar is-17 ta' Ottubru 2012 fejn ikkonferma li fil-prezent jokkupa l-kariga ta' *engineering supervisor* mal-Manoel Island Yacht Yard. Zied jghid li pero' fiz-zmien Novembru 2010 u Frar 2011, huwa kien jokkupa l-kariga ta' fitter. Gie muri dokument immarkat mill-Qorti bhala dokument MI u MI1 esebiti f'dawn atti. Ikkonferma l-firma fuq iz-zewg dokumenti bhala l-firma tieghu. Qal li jiftakar li meta kien mar is-sid sabiex huma jiccekjaw il-*cutlass bearings*, jiftakar li kien talabhom ukoll sabiex jiccekjawlu l-magna ghall-*alignment* taghha ghal max-*shaft*, kif ukoll l-i*straightness* tax-*shaft*. Ikkonferma li fil-fatt, is-shaft sabuh tajjeb kif effettivament hemm miktub fir-rapport tieghu, pero' tenna li kienu sabu *misalignment* bejn il-magna u x-*shaft*. Iddikjara li huma rrangawha billi ghamlulha *alignment* mill-gdid. Mistoqsi kemm hadu zmien biex ghamlu x-xoghol, stqarr li prezentament ma jiftakarx. Tenna li x-xoghol ilu li sar sentejn. Stqarr li jirrizultalu mill-ezami tal-*job card* kemm damu ghaddejin fuq ix-xoghol, pero' ddikjara li dawn l-affarijiet mhux qeghdin fuqu prezentament.

**Anton Tanti** rega' xehed fit-23 ta' Jannar 2013 fejn iddikjara li huwa jahdem bhala *engineering supervisor* mal-Manoel Island Yacht Yard. Huwa spjega li huma ghamlu riparazzjonijiet fuq il-bastiment Thor bejn is-16 ta' Novembru 2010 u l-24 ta' Novembru 2010. Originarjament is-sid ta' din id-dghajsa kien

talab biex ibiddlu l-*cutlass bearing* u cioe' l-*bearing* tax-*shaft*. Huma fil-fatt kienu tkellmu mas-sid u raw ix-xoghol li kien ser ikun involut. Huwa stqarr li biex isir dan ix-xoghol irid jinqala' t-tmun u x-*shaft* sabiex ikun hemm access ghal *bearing*. Ghalhekk huma qalghuhom u biddlu l-*cutlass bearing*. Kif tlesta x-xoghol huma regghu poggew kollox f'postu.

Ix-xhud spjega li bhala procedura meta huma jaghmlu dan it-tip ta' xoghol u cioe' jaqilghu t-tmun u x-*shaft*, huma jistaqsu lill-klijent billi jaghtuh l-ghazla jekk iridx li jiccekjaw ukoll il-*clearance* u jiccekkjaw jekk ix-*shaft* in kwistjoni huwiex mghawweg u jekk iridx jiccekkja l-*engine alignment* ukoll. Fil-fatt il-klijent kien qalilhom biex jaghmlu dan. Huma ccekjaw il-*fitness* tax-*shaft* u sabu li kienet tajba ghax kienet *within tolerence* u mbaghad iccekjaw l-*alignment* tal-magna u sabu li l-magna kienet *misaligned* u ghalhekk ghamlu l-*alignment* tal-magna. Dan huwa mfisser fir-rapport tax-xhud li jinsab esebit fl-atti a fol 94 tal-process.

Ix-xhud iddikjara li meta l-magna ma tkunx *aligned* kif suppost, il-magna ma tkunx bi dritt ezatt max-*shaft* u ghalhekk jista' jkun hemm vibrazzjoni fil-*yacht*. Huwa sostna li l-problemi jvarjaw skont il-bini tal-*yacht* u f'dan il-kaz sabu l-*mis-alignment*. Ix-xoghol kollu in kwistjoni dam sejjer tmint ijiem. Huwa stqarr li bhala *alignment* ta' magna ddum aktar biex taghmilha milli ddum biex tbiddel boxxla. Jista' jkun hemm diversi ragunijiet ghaliex ikun hemm *mis-alignment* ta' magna, izda peress li x-xoghol ma jkunx ghamlu x-xhud, huwa ma jistax jistabilixxi l-kawza. Huwa sostna li jekk il-*yacht* ma jkollux incident ma jistax jinholoq *mis-alignment*. Pero' jista jkun li dan ikun affettwat kemm mix-xoghol li jkun sar precedenti kif ukoll mix-xoghol li jkun sar qabel, pero' biex ikun hemm *mis-alignment* dejjem irid ikun gara xi haga. Jista' jkun hemm *mis-alignment* per ezempju meta jkun hemm maqbudin xi hbula.

**Anton Tanti** xehed in kontro-ezami fis-6 ta’ Marzu 2013 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta’ *engineering supervisor* mal-Manoel Island Yacht Yard. Huwa kien ilu jahdem mal-kumpanija l-gdida mill-bidu nett, pero’ qabel kien impjegat fl-istess post mal-Malta Shipyard. Huwa ser jaghlaq tmien snin jahdem fl-istess post f’Gunju. Il-procedura hija *standard* u cioe’ li meta jittella’ *yacht* fil-bitha taghhom, jiffirma dan l-i*standard storage contract* esebit bhala Dok Z a fol 93. Ix-xhud stqarr illi huwa ma jkunx involut fid-diskussjoni qabel ma jitla’ l-bastiment u ghalhekk ma jistax jghid jekk din kinitx procedura normali regolari ghal *winterising*. Huwa kkonferma li kien sid il-bastiment li talab biex jiccekjaw il-*cutlass bearing*. Mistoqsi jekk is-sid kienx prezenti waqt li saru xi xoghlijiet, qal li iva effettivament kien hemm. Mistoqsi jekk fil-fatt sid il-bastiment kienx jifhem b’dan it-tip ta’ xoghol li kellu jsir, qal li ma jafx. Ix-xhud kien iltaqa’ mieghu meta sar ix-xoghol aktar minn sentjen ilu u difficli jiftakar is-sidien kollha tal-bastimenti.

Ix-xhud ma jafx li saru jew ittiehdu xi ritratti. Dwar ir-rapporti kull ma jaf huwa b’dawk iz-zewg rapporti li jinsabu nseriti fl-atti. Lanqas ma jaf jekk effettivament is-sid kellux xi *survey* tax-xoghol li kellu jsir fuq dan il-bastiment. Huwa filfatt hadem personalment fuq it-Thor. Bl-amment ma jafx min huma n-nies kollha li hadmu fuq dan l-istess bastiment Thor. Huwa spjega li t-tmun qalghuh biex jinqala’ l-*cutlass bearing*. It-tmun inqala’ darba fl-2010 qabel ma sar ix-xoghol tal-*cutlass bearing*. Mistoqsi jekk il-klijent kienx ha xi parir dwar x’tip ta’ xoghol kellu jsir qabel filfatt kellmuh huma, wiegeb li ma jafx.

Mistoqsi jekk kienx hemm xi *surveyor* prezenti waqt li sar ix-xoghol, qal li ma jiftakarx dwar dan. Huwa tenna li *records* fil-bitha jkun hemm ta’ min jidhol u

johrog fil-bitha ghax dawn ikollhom il-*passes*. Dawn ir-*records* jinzammu mill-*gate keeper*. Ix-xhud ghamel referenza ghax-xhieda tieghu u fejn hemm il-kelma *fitness*, huwa ried ifisser *straightness* fis-sens jekk ix-*shaft* kienx mghawweg jew le. Huwa kkonferma li filfatt ix-*shaft* ma kienx mghawweg. Pero’ naturalment l-*alignment* ma kienx tajjeb. Il-kwistjoni ta’ *shaft* u *alignment* hija haga differenti. Kien hemm *excessive clearance* fir-rigward ta’ *cutlass bearing.* Huwa spjega li kif spicca wara l-*cutlass bearing* dan kien *standard*, pero’ kif kien qabel m’ghandhomx *record* ghax dan irid jintalab specifikament mis-sid. Huwa kkonferma li l-*cutlass bearing* inbidel.

Mistoqsi x’kien l-uzu ta’ dan il-bastiment ix-xhud wiegeb li ma jafx. Lanqas *records* ta’ sighat tal-ammont ta’ vjaggi li jsiru b’dan il-bastiment ma jiehdu. Dawn ir-rapporti li jinsabu a fol 95 u 96 tal-atti nkitbu ghax gew mitluba mis-sid. Ix-xhud kiteb it-tieni rapport ghax is-sid kien talabulu b’mod specifiku. L-ewwel rapport hareg fuq rikjesta tas-sid, pero’ ma kienx talab b’mod specifiku dak li kien gie mitlub fit-tieni rapport u cioe’ biex jaghtu qisien. Huwa sostna li l-email tkun mibghuta lill-manager tieghu u mhux lix-xhud, u ghalhekk ried ifittixha u jekk isibha iprometta li jesebiha fis-seduta sussegwenti.

Rat in-nota tal-konvenut Edgar Borg li giet prezentata fit-18 ta’ Marzu, 2013 li permezz taghha pprezenta zewg dokumenti mmarkati Dok. TM u Dok. TM1.

**Anton Tanti** xehed ghal darb’ohra fit-18 ta’ Marzu 2013 fejn iddikjara li l-ewwel talba li kienet saret sabiex jaghmlu rapport kienet saret b’mod verbali u sussegwentament kien sar xi skambju ta’ emails liema kopji ta’ dawn l-emails gew pprezentati u mmarkati bhala dokument Z. Mistoqsi jispjega l-kliem *normal procedure* fir-rapport tieghu tal-24 ta’ Novembru 2010 wiegeb li biex

tara x'kienet il-problema trid tara jekk ix-*shaft* in kwistjoni kienx mghawweg u ghalihom dik hija procedura normali. Ghalhekk ikkonferma li wara li sar ix-xoghol minnhom l-*alignment* kien gie tajjeb u kollox deher normali. Il-magna pero' ma nqaletx mill-post. Huwa spjega li sabiex il-magna titla' u tigi in linea max-*shaft* kien hemm bzonn li jitwahhlu xi *shocks* godda u dan taht il-*mounting* sabiex jghollu l-magna. Huwa ma jiftakarx li kien hemm xi *surveyor* prezenti ghalkemm is-sid kien prezenti.

Mistoqsi ghaliex kien sar it-tieni rapport qal li dan kien sar fuq talba tas-sid. Mistoqsi ghaliex gew mitluba biex johorgu t-tieni rapport qal li ma setghax iwiegeb u jkun ahjar li jirrispondi ghaliha t-Technical Manager, Azzopardi. Meta s-sid kien imur il-yard kien iltaqa' kemm max-xhud kif ukoll ma' Azzopardi. Il-yacht ma regghetx telghat mill-bahar, minn meta nhareg it-tieni rapport. It-tieni rapport kien hareg fuq ix-xoghol li kien sar. Mistoqsi kif irrizultalu li l-magna kienet 18 millimetres l-isfel qal dan irrizultalhom mix-xoghol li kien sar f'Novembru 2010. Spezzjoni effettivament saret ukoll mix-xhud. Mistoqsi jekk ghandux xi kopja ta' dan ir-*reading* qal li huwa difficli. Huwa jaf li kienu nkitbu f'xi *notebook* u difficli li jibqa' ghandhom dan in-*notebook*.

Huwa tenna li ma regghux hadmu fuq dan il-*yacht*. Meta qalu *replacement of previous shocks* qal li huma kienu ghamlu *shocks* godda. Ix-xhud sostna illi meta ghamlu dan ir-rapport ghalihom kollox kien sew, ghaliex is-sid ma regax mar lura ghandhom. John Ross huwa *serveyor* li gieli imur il-yard. Mistoqsi jekk kellux involviment f'dan il-bastiment qal li huwa ma jaf xejn dwar dan. Mistoqsi jekk setghax kien il-kaz li kien John Ross, wiegeb li John Ross qatt ma talbu biex johrog rapport u huwa lil John Ross qatt ma kellmu fuq dan il-bastiment. Lanqas jaf jekk kienx involut fil-kwistjoni tal-*cutlass bearing*. Mistoqsi jekk is-sid

qattx mar il-Grecja b'dan il-bastiment qal li ma jafx u trid issaqsi lilu. Lanqas jaf jekk is-sid ghamilx xi *insurance claim*. Mistoqsi jekk jafx lill-konvenut, ix-xhud qal li jafu fuq relazzjoni ta' xoghol. Pero' l-involviment tieghu ma' dan il-bastiment ma jafx x'inhu, pero' skond kif inhi l-kawza odjerna jahseb li kien ghamel xi xoghol qabel ma ghamlu x-xoghol huma. Mistoqsi meta ghamel dan ix-xoghol Edgar Borg, ix-xhud wiegeb li ma jafx. Ix-xhud ma jafx lanqas jekk John Ross ha xi rapport jew kopja tar-rapport dwar ix-xoghlijiet li sar fuq dan il-bastiment.

Mistoqsi jekk qattx ra din l-*invoice* esebita f'dawn l-atti immarkata bhala Dok. TM qal li ma jafx ghax ma giex esebit f'dan l-atti. Il-hrug tal-*invoices* ma jiehux hsiebhom ix-xhud, hemm ufficcju apposta ghalih dan. Mistoqsi meta effettivament sar dan ix-xoghol skond id-dokument TM qal li ma jiftakarx li l-bastiment rega' tela' mill-bahar. Huwa ma jafx li effettivament dan il-bastiment iddahhal fil-yard fis-sena elfejn u disgha (2009) u jekk dahal, huwa ma kienx involut fix-xoghlijiet. Huwa gie muri dokument li huwa mmarkat mill-Qorti bhala dokument TM1 li huwa invoice u qal li dwar dan ma jaf xejn. Huwa stqarr li mas-Sur Stewart tkellem mieghu biss kif kellu jsir ix-xoghol biex jinbidel il-*cutlass bearing*. Huwa fl-ebda hin ma qallu li effettivament ix-xoghol li kien ghamel is-Sur Borg kien hazin. Ix-xhud ma kellux komunikazzjoni mieghu dwar li effettivament qal li s-Sur Borg kien ghamel xoghol hazin.

Rat in-nota ta' Dr Philip Manduca li giet prezentata fit-12 ta' Novembru 2013 li permezz taghha esebixxa:

a) Ittra minghand Robert Stewart b'dettalji tal-ispejjes inkorsi minnu in konnessjoni mal-vjagg f'Malta biex jixhed in kontro-ezami.
b) L-ircevuti kollha.

c) Kopja tal-Volvo Penta Warranty document.

Rat in-nota ta' Dr Philip Manduca li giet prezentata fis-26 ta' Novembru 2013 li permezz taghha esebixxa kopja tal-log book kif mitlub mill-konvenut (Dok LB).

Rat in-nota ta' Edgar Borg li giet prezentata fis-27 ta' Novembru 2013 li permezz taghha ipprezenta l-affidavit tieghu bhala parti mill-provi tieghu fil-kawza fl-ismijiet premessi.

Rat l-affidavit tal-konvenut **Edgar Borg** ipprezentat permezz ta' nota nhar is-27 ta' Novembru 2013 fejn iddikjara li huwa rapprezentant tal-*Volvo Penta* f'Malta u awtorizzat jinstalla u jmantni magni tat-tip *Volvo Penta* fl-ambitu marittimu f'Malta. Huwa spjega illi bhala rapprezentant tal-*Volvo Penta* obbligat li jimxi skond ir-regoli stabbiliti minn *Volvo Penta* fl-Isvezja, inkluz li jiffirma l-garanziji fuq kull prodott tal-marka *Volvo Penta* u dan wara li jsir l-ittestjar necessarju fuq l-istess prodotti. Filfatt, bhal kaz prezenti, meta jigi nstallat prodott gdid, dan il-prodott ikun kopert b'garanzija ta' sentejn. Pero', l-garanzja tigi ffirmata ghall-ewwel sena, cioe' wara li jigi nstallat il-prodott u wara l-iskadenza tal-ewwel sena tal-garanzija, il-garanzija tigi estiza ghat-tieni sena wara li jsir l-ittestjar rikjest minn *Volvo Penta*. Ghalhekk il-konvenut obbligat jaccerta li saru s-servizzi rakkomandati minn *Volvo Penta* sabiex ikun jista' jestendi l-garanzija ghat-tieni sena taghha.

Il-konvenut stqarr li skond ir-regolamenti tal-*Volvo Penta*, jekk isiru xi xoghlijiet fuq il-magna waqt li tkun koperta bil-garanzija, minn persuni mhux awtorizzati minn *Volvo Penta*, il-garanzija tispicca awtomatikament u l-prodott innifsu ma jibqax kopert bil-garanzija moghtija minn *Volvo Penta*.

Fil-15 ta' Mejju 2007 il-konvenut kien gie nkarigat minn Christian Ripard tal-kumpannija Ripard Larvan & Ripard Ltd ('RLR Yachting') sabiex ibiddel ix-*shaft seal* tal-magna li dak iz-zmien kien hemm installat fuq il-bastiment 'Thor' (ara l-email datat 15 ta' Mejju 2007 mmarkata bhala **Dok EB 1**), proprjeta' tal-attur Robert Stewart. Dan ix-xoghol sar waqt li l-bastiment Thor kien fuq il-*hard* f'Melita Yacht Yard u l-proprjetarju ma kienx prezenti. Wara li l-konvenut kien lesta din il-bicca xoghol il-klijent hallsu. Evidentement il-klijent kien kuntent bix-xoghol tieghu.

Ftit xhur wara, proprjament f'Dicembru 2007, l-istess Christian Ripard tal-RLR Yachting informa lill-konvenut li Robert Stewart kien xtara magna gdida tal-marka *Volvo Penta* u li dan Stewart ried ibiddel il-magna precedenti tieghu bil-gdida u hu gie nkarigat jaghmel ix-xoghlijiet mehtiega. Il-konvenut ippreciza li sa dak iz-zmien huwa ma kienx iltaqa' ma' Stewart u kollox kien sar tramite RLR Yachting. Apparti l-istallazzjoni tal-magna gdida, Stewart kien ordna *propeller* gdida minghand il-kumpanija estera Bruntons u l-konvenut gie wkoll inkarigat sabiex jinstallaha fuq il-bastiment. Fuq talba ta' Bruntons huwa baghat "sketch", li pinga huwa stess, bil-qisien tax-*shaft* (li kien qieghed jithejja minn certu Kevin Borg) u bil-qisien necessarji ghat-tqeghid korrett tal-*propeller* biex din titqabbad korrettement u jghaqqad sew mal-magna gdida (**Dok EB 2**).

Ix-xoghol tal-installazzjoni tax-*shaft*, magna u l-*propeller* sar waqt li d-dghajsa kienet *on the hard* fil-Melita Marine Yacht Yard bejn ix-xhur ta' Dicembru 2007 u Marzu 2008. Dan ix-xoghol kien jinvolvi s-segwenti:

1.1. Kellha tinqala' l-magna ezistenti (inkluz ix-*shaft*). Dan ix-xoghol ghamlu l-konvenut stess.

1.2. Huwa spjega li billi l-magna gdida kienet ferm ikbar minn dik ezistenti, l-pjanci fuq liema kellha tintrabat il-magna precedenti kellhom jitqattaw u kellu jsir xoghol ta' aluminium biex titwahhal sodda gdida fuq liema

setghet tigi nstallata l-magna gdida. Dan ix-xoghol tal-aluminium sar minn Kevin Borg li huwa specjalista f' dan il-kamp.

1.3. Kuntrarjament ghal dak li jghid John Ross fir-rapport tieghu tad-9 ta' Mejju 2011 ix-xoghol tal-konvenut ma jirrikjedix li jdendel is-shaft bil-habel kif msemmi izda li jinhadem frame, li jghidulu *jig*, sabiex isir l-alignment qabel ma titpogga l-magna fil-post. Dan ghax ikun wisq difficli biex wiehed jaghmel alignment korretta tal-magna max-*shaft* bil-magna mwahhla f'postha. Il-frame inhadem minn Kevin Borg (Dok **EB 3**). Fil-fehma tal-konvenut il-fatt li uzaw dan il-jig li nholqot apposta jfisser li ghamlu xoghol ferm ahjar.

1.4. Sabiex giet installata l-magna, l-ewwel pogga x-*shaft* il-gdid bil-*cutlass bearing* gdid fil-post. Intrabat il-*jig* mill-erba (4) "mountings" godda tal-magna max-*shaft*. B'ghajnuna ta' dan kollu fil-post seta` jinhadem il-bazi (u cioe' s-"sodda") tal-magna. Sar l-ittestjar tal-*alignment* u assiguraw ruhhom li s-sodda kienet tajba. Imbaghad nehhew il-*jig* u b'mod li l-*mountings* baqghu imwahhlin fuq il-post mas-sodda, b'hekk kollox jkun *aligned* sew. Wara poggew il-magna u rabtuha mal-*mountings* u ssodisfaw ruhhom li l-*alignment* gie tajjeb.

F'Marzu tas-sena 2008 il-konvenut mar fuq id-dghajsa li kienet ghadha l-Melita Marine Yacht Yard sabiex jistartja l-magna gdida u jara li kollox kien sew. Sussegwentement id-dghajsa tqieghdet il-bahar u ttiehdet fuq l-irmigg taghha. Il-proprjetarju ma kienx prezenti dakinhar.

Fl-ahhar ta' April 2008 Robert Stewart nizel Malta u l-konvenut urieh x'kien ghamel. Sussegwentement ezegwew *sea trials* tad-dghajsa fil-prezenza tal-klijent li wera ruhu sodisfatt. Waqt it-*trials* ma hassew ebda vibrazzjonijiet jew hsejjes anormali. Fil-fatt fid-29 ta' April 2008 huwa ghan-nom ta' Volvo Penta ffirma l-garanzija fuq il-magna gdida, ix-*shaft*, *sea*l u l-*cutlass bearing* li kienu godda.

Huwa tenna li kien sar ukoll il-*first Service inspection* fl-4 ta' Awwissu 2008 wara li l-magna kienet intuzat ghal numru ta' sighat. Ma rrizulta ebda anomalija fl-*alignment,* ma kien hemm ebda *clearance*; fi kliem iehor kollox kien sew. Robert Stewart kien hallsu f'Awwissu 2008 minghajr ebda problemi.

Fit-12 ta' Marzu 2009 il-konvenut attenda fuq id-dghajsa u wara li ghamel l-ittestjar necessarju ffirma l-estensjoni tal-garanzija – Extended Protection Services (Ara pag. 39 tal-garanzija ipprezentat minn Robert Stewart li jinsab fil-process).

Xi granet wara, waqt li l-konvenut kien ghaddej minn hdejn Manoel Island Yacht Yard, kien iltaqa' ma' Robert Stewart u martu. Stewart kien qallu li kien ghadu kif tella' d-dghajsa Thor fuq il-*hard* f'Manoel Island Yacht Yard u semmielu li kien sab problema dwar xi *clearance* fuq il-*cutlass bearing*. Dakinhar izda ma tah ebda nkarigu. Ma talbux jattendi fuq id-dghajsa sabiex jara x'kienet il-problema dwar il-*clearance* u lanqas ma qallu ezattament x'kien gara.

Il-konvenut qal li fit-18 ta' Marzu 2009, John Ross kien ghamel *survey,* u tant kien kuntent bl-installazzjoni tal-magna kif saret mill-konvenut li kien irrapporta fl-Insurance Survey li *the engine bearers are robustly made. The engine is a 2007 model and has been well installed.* Sussegwentement permezz ta' e-mail datata 31 ta' Mejju 2009 Robert Stewart talab lill-konvenut jaghmel l-*annual service* fuq il-magna qabel ma jitilqu lejn il-Grecja (ara l-email datata 31 ta' Mejju 2009 u mmarkata bhala **Dok EB 4**). Is-*service* ghamlu waqt li d-dghajsa kienet fil-bahar u sab kollox sew. Is-*service* kien jinvolvi *oil* u *filter change* biss. Meta d-dghajsa tkun fil-bahar huwa ma jistax jezamina l-*mis-alignment* jew il-*clearance* u Stewart ma kien semma xejn dwar vibrazzjonijiet, problemi ohra, il-kont tal-Manoel Island Yacht Yard jew ir-rapport ta' John Ross. Il-konvenut ma setax jifhem ghalhekk ghalxiex kien irreferilu xi granet qabel.

Ftit wara l-konvenut skopra li qabel ma ghamel is-*service* kienu saru xi xogholijiet minn terzi fuq id-dghajsa. Meta ntalab jaghmel is-*service* Robert Stewart ma kienx qallu li saru nterventi minn Manoel Island Yacht Yard. Lanqas ma kien semmielu, li kien hallas lil Manoel Island Yacht Yard ghal dawn ix-xogholijiet. Di piu' ma kienx semmielu li John Ross kien qallu li kien hemm *Play of 0.5mm* fil-*cutlass bearing* u dwar ir-rakkomandazzjoni ta' Ross fis-sens li *this is at the upper limit of acceptability and should be replaced at the next slipping.*

Il-konvenut spjega li fil-perjodu ta' bejn meta nstalla l-magna gdida (Marzu 2008) u s-sajf tas-sena 2010 huwa kellu relazzjoni tajba hafna ma' Robert Stewart. Huma ltaqghu diversi drabi u fl-ebda wahda minn dawn l-okkazjonijiet, ma kien semmielu l-problema tal-*mis-alignment*, ix-xogholijiet li saru minn Manoel Island Yacht Yard, u/jew l-ispejjez tax-xoghol li kien sar (ara **Dok EB5 – EB 6**).

Fil-fatt f'Dicembru tas-sena 2009 Robert Stewart kien talab lill-konvenut sabiex ibiddel xi pompa li kien hemm fid-dghajsa u huwa kien ghamel ix-xoghol necessarju immedjatament. Huwa kien iltaqa' ma' Stewart dakinhar u wkoll ma semmielu xejn dwar il-*cutlass bearing* jew ix-xoghlijiet ta' Manoel Island Yacht Yard. (ara l-email datat 06 Dicembru 2007 **Dok EB 7**).

Robert Stewart tant kien kuntent bl-installazzjoni tal-magna li sa' Mejju 2010 kien qallu li kollox kien tajjeb. Permezz ta' e-mail datata 16 ta' Mejju 2010, Robert qal "*missed you last Monday when you visited the next berth yacht.* ***Tried the engine out on the bay last Sunday and it was ok after a two hour run****. Will be in touch ref the outboard on our next visit"* (**Dok EB 8** hawn anness). Dan qatt ma qallu li kellu xi problema.

Fil-perjodu ta’ 22 ta’ Novembru 2010 Robert Stewart kien baghat email lill-konvenut fejn talbu jiltaqa’ mieghu sabiex jinfurmah bix-xoghol li kien diga’ sar minn Manoel Island Yacht Yard. Huwa kien barra minn Malta jsegwi kors tal-*Volvo Penta* u qallu permezz ta’ email biex jiltaqghu fl-24 ta’ Novembru 2010 fuq il-pontoon biswit id-dghajsa u hu kien irrispondieh li dakinhar kien se jnizzel id-dghajsa minn Manoel Island u kkonfermalu l-appuntament. Meta mar fuq il-pontoon, izda, la d-dghajsa u lanqas sidha ma kienu hemm. Mar darbtejn fuq il-pontoon fl-istess gurnata u f’diversi hinijiet izda ma ltaqghux. Huwa kien baghat e-mail lil Stewart filghaxija biex jghidlu b’dan u rrispondieh dakinhar permezz ta’ e-mail li kellu xi problemi huwa jnizzel id-dghajsa fil-bahar mill-Manoel Island Yacht Yard. Sa dakinhar ma kien semma ebda problemi fir-rigward tal-*cutlass bearing* jew *mis-alignment*. Filfatt sar jaf illi Stewart kellu jitlaq minn Malta l-ghada ta’ meta kellhom jiltaqghu.

Il-konvenut iddikjara li kien biss permezz tal-email datata 8 ta’ Dicembru 2010 ta’ Robert Stewart li huwa sar jaf l-ewwel darba bl-allegati problemi tal-*misalignment* u fil-*cutlass bearing* (**Dok EB 9**). Fl-istess e-mail Stewart, ghall-ewwel darba, beda jallega li kien ser izommu kompletament responsabbli fir-rigward tal-*misalignment*. Izda huwa sa dakinhar ma kien jaf b’xejn b’dan kollu. Huwa jixtieq jaghmel emfasi li din l-allegazzjoni saret sentejn u tmien xhur wara li l-magna gdida giet installata u d-dghajsa ntuzat f’diversi okkazjonijiet minn Robert Stewart. In oltre, kien biss f’dan l-email li Stewart beda jsemmi x-xogholijiet li kienu saru minn Manoel Island Yacht Yard fuq il-magna li kien installa l-konvenut. Dwar din il-fattura datata 26 ta’ Marzu 2009 (**Dok EB10**) turi li x-xoghol li sar minn Manoel Island Yacht Yard kien jinvolvi *uncoupled shaft from gearbox, removed coupling and withdrew shaft outwards, removed all rubber cutlass bearing and renewed bearing secured accordingly, replaced shaft, coupling and secured all back on completion*. Skond din il-fattura l-*cutlass bearing* inbidlet mill-Manoel Island Yacht Yard u jekk dan inbidel wiehed ghandu jara li l-prodotti godda jkunu nstallati sew mal-magna

sabiex ikun *aligned* sew. Huwa car li jekk wiehed ibiddel dawn il-prodotti minghajr ma jiehu hsieb jivverifika l-*alignment* jkun ghamel xoghol ghalxejn.

Huwa tant kien sorpriz bl-email ta' Robert Stewart tat-8 ta' Dicembru 2010 li rrispondieh permezz ta' e-mail billi tah numru ta' soluzzjonijiet possibbli ghall-allegat *misalignment* u fatti li kellu jikkunsidra qabel ma jibda jesprimi thassib dwar ix-xoghol tieghu (ara l-email ta' 12 ta' Dicembru 2010 – **Dok EB 9**). B'referenza ghall-fatturi tal-Manoel Island Yacht Yard li kien baghtlu, kemm tas-sena 2009 kif ukoll tas-sena 2010 (Dok **EB 10 – EB 12)**, huwa kien talbu jaccerta li meta kien sar xi xoghol minn Manoel Island Yacht Yard, dawn tal-ahhar kienu mxew skond il-proceduri elenkati bl-ittri A sa E.

Kien Robert Stewart stess li kien ikkonferma li fis-sena 2009, meta saru x-xogholijiet minn Manoel Island Yacht Yard, huma ma mxewx skond il-procedura li elenka. Robert Stewart ukoll ikkonferma li wara li Manoel Island Yacht Yard installaw *cutlass bearing* huma lanqas biss ma kienu ccekkjaw jekk kien sar l-*alignment* (ara e-mail ta' Stewart datat 16 ta' Dicembru 2010 – **Dok EB 9**). Ghalhekk jekk Robert Stewart ma kkuntatjahomx dwar il-problemi li jghid li sab u dawn il-proceduri ma ttiehdux fis-sena 2009, il-konvenut jistaqsi meta sar l-*insurance survey*, kif jista' jigi kkonsidrat responsabbli? Fil-fehma tal-konvenut il-*misalignment* tax-*shaft*, huwa rizultat dirett tax-xoghlijiet li saru minn Manoel Island Yacht Yard fis-sena 2009 u bin-negligenza taghhom meta biddlu l-affarijiet ma regghux ghamlu jew iccekjaw l-*alignment*.

Il-konvenut stqarr li ma jafx x'kienet ir-raguni ghalfejn Robert Stewart qatt semmielu l-problemi tal-*cutlass bearing, shaft seal* jew *misalignment.* Huwa dejjem kien f'posizzjoni sabiex jaghti s-servizzi tieghu lil Robert Stewart u sabiex jghinu fil-problemi li allegatament kellu fid-dghajsa. Huma kienu jikkomunikaw regolarment permezz ta' e-mail u telefon u allura ma kinitx skuza li ma setghax jikkontatjah fuq il-problema li kellu.

Ix-xoghlijiet li saru minn Manoel Island Yacht Yard, saru minghajr l-gharfien tal-konvenut, u waqt li l-magna kienet koperta bil-garanzija moghtija mill-konvenut stess bhala rapprezentant tal-*Volvo Penta*, u cioe' fis-sena 2009. Billi dawn ix-xogholijiet ma sarux minn persuna awtorizzata minn *Volvo Penta* kif rikjest, dawn ix-xoghlijiet kienu jaffetwaw il-garanzija moghtija minn *Volvo Penta* u b'hekk il-garanzija ma setghetx tibqa valida.

Huwa sostna li qatt ma gie rikjest jattendi fuq id-dghajsa sabiex jaghti xi parir minn tieghu jew jaghmel ix-xogholijiet. Ghalhekk, wara dan iz-zmien kollu sostna li m'huwiex gust li Robert Stewart dar fuqu biss fir-rigward ix-xogholijiet li saru minnu meta matul is-snin saru xogholijiet minn terzi fuq ix-xoghol li kien ghamel hu originarjament. B'hekk jahseb illi m'ghandu jhallas ebda ammonti lil Robert Stewart ghax-xogholijiet li saru minn Manoel Island Yacht Yard meta lanqas kellu d-dicenza li jikkuntatjah fir-rigward tal-problemi tieghu. Kuntrarju ta' dak li qieghed jallega, il-konvenut ma kkawza ebda danni lil Robert Stewart.

Fil-fehma tal-konvenut, wiehed ma jistax jaghmel allegazzjonijiet daqshekk serji dwar ix-xoghol professjonali tieghu li huwa kien 'negligenti' fix-xoghol tieghu u li ma mexiex skond id-diligenza mistenni minnu, meta huwa qatt ma gie nfurmat dwar il-problemi li kellu Robert Stewart fuq it-*Thor* jew inkarigat jattendi fuq id-dghajsa sabiex jezamina l-magna installat minnu.

Rat in-nota tal-konvenut Edgar Borg li giet prezentata fit-22 ta' Jannar 2014 li permezz taghha pprezenta rapport tal-Marine Engineer Joseph V. Amato in sostanza tal-provi tieghu fil-kawza fl-ismijiet premessi.

Rat ir-rapport tal-Marine Engineer Joseph V. Amato fejn wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

*"An examination through this case the undersigned surveyor has noted many anomalies which clearly explains that the engine was installed correctly, and that if the cutlass bearing rubber was severely worn out giving the shaft excessive clearance, then the vessel must have had other irregularities or findings which were not clearly explained when the vessel was shored up and in its 2009 docking.*

1. *If there was an Engine or Propeller Shaft misalignment to the extent as previously reported, vibration and resonance effect would have been felt and noted on the very first revolutions the engine and shaft complete with propeller were engaged.*
2. *Why Mr Edgar Borg was not informed when vessel was docked by the owner, and in the presence of the surveyor and Mr Borg could/would have discussed the problem on site, if there was a suspected misalignment which was caused by the installation of the new engine?*
3. *Why no photographic evidence of the cutlass bearing were taken by any of the owner or the surveyor?*
4. *If the engine was subjected to 100 hours of running a misalignment would have been indicated within the very engagement of the engine in service.*
5. *A misalignment of the shaft would have distorted the 'Deep Sea Seal' of the Stern tube and leaked with the possibility whereby the bilge pump would have to be engaged so as to pump out water which would have entered through the leaking shaft seal. In dismantling the shaft the seal would also have had to be examined for possible replacement. Has the old seal not been replaces, examined, photographed (on site) if damaged or leaking?*
6. *Does the vessel's owner keep a log of his maintenance procedures, including his voyaging?*
7. *How come the underwriters did not ask the owner, or the visiting surveyor, photographic proof of the damaged parts, and on what written report, or what grounds the claim for this misalignment was entered? Is the surveyor acting on behalf of the owner or the underwriters?"*

**Il-konvenut Edgar Borg** xehed in kontro-ezami fit-12 ta' Marzu 2014 fejn gie muri dokument EB1 a fol 206 tal-atti u spjega li dawn huma l-istruzzjonijiet originali li kien ircieva. Dan kien fis-sena 2007 fejn kien abbord id-dghajsa sabiex iwahhal ix-*shaft seal* tal-ghamla Volvo. Dan ix-xoghol dakinhar fis-sena 2007 kien sar fl-art. Il-konvenut stqarr illi ma kien tah l-ebda garanzija bil-miktub. Kien hu li qabbad lil Kevin Borg sabiex jahdem. Peress li l-magna qadima fejn il-*mountings* minn fejn il-magna tintrabat kienet differenti mill-gdida, kellha ssir sodda gdida tal-aluminium sabiex tilqa' l-magna l-gdida u dan huwa x-xoghol propju li ghamel Kevin Borg. Kevin Borg huwa nginier fuq *structure aluminium welding* izda l-konvenut ma jafx jekk Kevin Borg ghandux l-awtorizzazzjoni mill-Volvo. Il-konvenut spjega li kien hu li effettivament pogga x-*shaft* fil-post wara.

Il-konvenut tenna li huwa ilu jaghmel dan it-tip ta' xoghol ghal dawn l-ahhar erbgha u tletin sena u dejjem jahdmu bl-istess mod. Mistoqsi jekk kellux xi letteratura jew dokumentazzjoni meta jigi biex jaghmel l-*alignment* wiegeb li ma jkollux. Din hija l-istess procedura li jsegwi fuq id-dghajjes kollha. Huwa stqarr illi ma kellux mieghu l-*manual* tal-Volvo biex jidderigieh x'kellu jaghmel f'dan il-kaz. Mistoqsi fejn ghamel l-ispezzjoni tieghu nhar l-4 ta' Awwissu 2008 fuq id-dghajsa in kwistjoni, fejn huwa kien qal li ma kien hemm l-ebda anomalija fuq l-*alignment* u ma kien hemm ebda *clearance* wiegeb li din saret fil-bahar. Ix-*shaft* alignment pero' jrid isir fl-art. Huwa spjega li ghamel din l-ispezzjoni sabiex jaghmel *extended warranty*. Meta huwa ta l-garanzija, din kienet datata sena qabel.

Il-konvenut jiftakar li dakinhar meta ghamel l-ispezzjoni fil-bahar, is-sid ma qallux li kellu l-problemi. Kien ghalhekk li kkonkluda li ma kienx hemm

anomalija. Huwa sostna li dakinhar ghamel *visual check up* biss ghax huwa jiccekja l-*alignment* biss meta d-dghajsa tkun fuq l-art. Dan huwa kien iccekjaha sena qabel, meta kien sar l-installazzjoni. Huma kienu fethu l-garanzija wara li ghamlu *sea trial* mas-sid. Dan is-*sea trial* jikkonsisti f'numru ta' sighat. Il-konvenut tenna li dakinhar is-sid kien kuntent, hallsu u l-istorja spiccat hemm.

Il-konvenut iddikjara li mhux normali li effettivament it-twahhil ta' *shafting* jigi kopert b'garanzija bil-miktub. Spjega li meta wiehed jixtri magna, effettivament dan ma jkunx kopert bil-garanzija ghax ix-*shaft* mhux parti nkorporata fil-magna. Huwa stqarr li llum il-gurnata l-*manuals* jinsabu kollha *online* pero' meta huwa ghamel dan ix-xoghol ma kellux *online* mieghu. Dan ix-xoghol johrog mit-*training* li jaghmel ta' kull sena.

**L-inginier Joseph V. Amato** xehed nhar is-7 ta' Mejju 2014 fejn iddikjara li ilu fuq hamsin sena jahdem bhala *marine engineer*. Huwa ghamel tletin sena fuq il-bahar it-tarzna, jahdem mal-Malta Maritime Authority, u kien jokkupa l-kariga ta' *surveyor* tal-Gvern. Huwa ilu jaf lill-konvenut ghal dawn l-ahhar tletin sena meta effettivament kien jahdem ukoll it-tarzna. Sussegwentement meta x-xhud beda jahdem bhala *surveyor* kien iltaqa' mieghu f'diversi okkazzjonijiet u naturalment huma kollegi u hbieb. Mistoqsi jekk qattx ezamina l-bastiment Thor wiegeb li le, qatt ma rah u qatt ma ezaminah. Mistoqsi jekk qattx ra l-*manual* tal-Volvo wiegeb li le ghalkemm ra diversi *manuals* f'hajtu. Ix-xhud spjega li ghalkemm il-procedura biex taghmel l-alignment tal-magni hija komuni f'hafna affarijiet, naturalment meta jkun hemm xi nstallazzjoni, il-*mechanical fitter* jew inginier irid juza s-sengha kollha li jkollu. Pero' huwa cahad dak li gie allegat lilu li biex issir installazzjoni jrid ikollok il-manwal f'idejk.

Min ikun qed jinstalla magna jrid juza l-intellett tieghu bhala inginier permezz tal-istrumenti provduti.

Il-kaz in kwistjoni jirrigwardja l-*alignment* tal-magna. Ix-xhud spjega li l-ewwel trid titpogga l-magna u tressaqha lejn ix-*shaft* u tqarribha. Jiddependi wkoll jekk l-*alignment* isirx fuq l-art jew fuq il-bahar. Huwa stqarr illi ma jafx kif sar dan il-kaz partikolari. Jekk ikun hemm *mis-alignment*, il-magna ma tilhaqx l-efficjenza rikjesta, u min jinstalla l-magna jkun f'pozizzjoni li jiccekjaha din. Il-magna trid taghmel numru ta' sighat fil-bahar tahdem u trid issir certu osservazzjoni tal-magna waqt li din tkun qed tahdem. Dan naturalment ma jsirx fuq l-art. Huwa tenna li meta jkun hemm *sea trial* irid ikun hemm koperazzjoni bejn is-sid u l-inginier. F'kaz bhal dan isir *sea trial* ta' bejn saghtejn jew tliet sighat, u tara xi zewg osservaturi tal-*alignment* tax-*shaft*. F'dan il-kaz ix-xhud gie nfurmat li peress li gewwa hemm *rubber seal*, li kieku kien hemm xi *mis-alignment*, ir-*rubber seal* kienet tispicca u jibda diehel l-ilma. Pero' huwa x'gara f'dan il-kaz ma jafx ghax ma rahx. Fil-fehma tieghu kieku dahal l-ilma mill-ewwel kienu jindunaw il-partijiet.

Meta ssir is-*shoring* tal-*vessel* peress li jsiru diversi puntali vicin ix-*shaft* u l-*bearing* allura meta jaghti l-kaz u jaghmlu l-kunjardi jistghu jikkrejaw *mis-alignment* ta' dak ix-*shafting*. Mistoqsi kif l-*alignment* jigi affetwat bil-kunjardi li jitwahhlu fuq in-naha ta' barra tad-dghajsa, wiegeb li l-kunjardi jissamru bl-imrietel biex izommu l-istruttura tad-dghajsa u ghalhekk jista' jkun li meta dawn il-kunjardi jkunu qed jissammru dawn jaffetwaw l-*alignment* minn gewwa. Mistoqsi x'ghandhom x'jaqsmu ic-*choc plates* mal-*alignment*, wiegeb li c-choks jinsabu taht il-*foundations* tal-magna u naturalment il-magna ghandha *adjusting screws* u peress li l-magna qieghda fuq *resilient mountings* l-

*adjustments* iqarrbu kemm jista' jkun u dan sabiex meta d-dghajsa tkun fil-bahar il-kapling tabbraccja ruhha u naturalment tuza *feeler gauge* kemm fil-kapling kif ukoll fuq in-naha tal-*cutlass bearing*. Huwa ddikjara illi ma jistax ikun li l-konvenut effettivament halla *ten millimetre break* mal-*cupling* u dan ghax il-*cupling* irid ikun *face to face*.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur nomine pprezentata fl-atti nhar it-8 ta' Lulju 2014 u dik responsiva tal-konvenut kif ipprezentata fl-atti nhar it-28 ta' Awwissu 2014.

Rat il-verbal taghha tat-2 ta' Lulju 2014 fejn il-partijiet awtorizzaw lil-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal din il-kawza huma s-segwenti:

a. Illi f'Dicembru 2007 il-konvenut kien gie nkarigat jinstalla magna gdida tal-ghamla Volvo Penta flimkien ma' propeller gdid fuq il-bastiment bl-isem ta' Thor proprjeta' ta' Robert Stewart.
b. Illi l-konvenut kien ha dan l-inkarigu u dam ghaddej jesegwixxi x-xoghol sa Marzu 2008 meta eventwalment id-dghajsa regghet tqieghdet il-bahar.
c. F'April 2008 saru numru ta' *sea trials* u dan sahansita anke fil-presenza ta' l-attur.
d. Fid-29 ta' April 2008 il-konvenut iffirma l-garanzija tal-magna wara li kien sodisfatt li kollox kien sew. Fil-fatt l-attur fix-xhieda tieghu tad-9 ta'

Ottubru 2013 (fol. 158) *ex-admisses* jghid "*On the sea trial everything appeared to be ok and I did not notice any problem. I never noticed any vibration either.*"

e. Illi in segwitu l-attur ghamel uzu mid-dghajsa tieghu u sahansitra fit-12 ta' Marzu 2009 l-konvenut iffirma l-estensjoni tal-garanzija tal-magna u dan wara li kien accerta ruhu li kollox kien sew.

f. M'hemmx dubju li x-xoghol kien sar sew u dan wara li John Ross Maritime Surveyor appuntat mill-attur stess iddikjara fir-relazzjoni tieghu esebita fl-atti a fol 38 mmarkata bhala Dok. CSH li "*The engine is a 2007 model and has been well installed*".

g. Illi in segwitu l-attur baqa' f'relazzjoni tajba mal-konvenut tant li sahanstira f'Gunju 2009 kien anke inkarigah sabiex jaghmel l-*annual service* tad-dghajsa u f'din l-okkazjoni ma kien semmielu xejn dwar l-ilment li fuqu bbaza l-kawza odjerna.

h. Fil-fatt kif jirrizulta mill-email datata 16 ta' Mejju 2010 il-konvenut jghid lill-attur li kien ipprova d-dghajsa fil-bajja ghal xi saghtejn u kollox mexa sew.

i. Kien biss permezz ta' email datata 8 ta' Dicembru 2010 li l-attur sema' ghall-ewwel darba bil-problema ta' *mis-alignment* u bil-*cutlass bearing* u li kien ser izomm il-konvenut responsabbli.

j. Cio' nonostante l-attur ipproceda kontra l-konvenut permezz ta' proceduri l-Qorti billi pprezenta l-avviz odjern u dan nhar is-16 ta' Frar 2012.

Illi dwar il-fatti ma jidhirx li hemm kontestazzjoni u cioe' ta' kif evolvew. Il-pern tal-kwistjoni hi fl-ewwel lok jekk l-azzjoni hix preskritta ai termini tal-artikolu citat mill-konvenut u cioe' l-**Artikolu 2153 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta u jekk tali azzjoni mhix preskritta jekk ix-xoghol li sar mill-konvenut sarx skond is-sengha u l-arti. Jinghad f'dan l-istadju li ghalkemm l-attur kien jaf li l-konvenut qed jeccepixxi l-preskrizzjoni in linea preliminari fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu huwa ma jaghmel l-ebda referenza ghal tali difiza u jibbaza n-nota

tieghu fuq il-mertu u cioe' jekk il-konvenut hadimx skond is-sengha u l-arti u jekk ghandux jinzamm responsabbli ghas-servizz li taha.

**Preskrizzjoni.**

Permezz ta' eccezzjoni preliminari l-konvenut issolleva l-preskrizzjoni tal-azzjoni bazata fuq l-**Artikolu 2153 tal-Kap 16**. Dan l-artikolu jghid:

"L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn".

Il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fis-6 ta' Mejju, 2010 (Rikors Nru: 546/08FS) fl-ismijiet '**Eleni Papadopoulou bhala mandatarja specjali f'isem u ghan-nom tas-socjetajiet Ferrum Shipping Co. Ltd (C20121), Eridan Shipping Limited (C14646), Kama II Shipping Co. Ltd (C18129) u Antarus Shipping Co. Ltd (C20122) vs Direttur Generali ta' l-Artijiet u Registru Pubbliku et'** fejn intqal:

"L-azzjoni attrici u l-preskrizzjoni applikabbli:

...L-artikoli relevanti tal-Kap 16 huma l-artikoli 1031, 1032 u 1045.

**Artikolu 1031** "Izda kull wiehed iwiegeb ghal hsara li tigri bi htija tieghu."

**<u>Art. 1032 (1)</u>** *"Jitqies fi htija kull min fl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja."*

***<u>(2)</u>****"Hadd ma jwiegeb, fin-nuqqas ta' dispozizzjoni espressa tal-ligi, ghal hsara li tigri, minhabba nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta' hsieb fi grad akbar."*

***<u>Art 1045 (1</u>****) "Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u t-telf ta' qliegh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta' jgib.*

*(2) Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita tigi stabbilita mill-qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapacita ikkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara."*

**<u>L-artikolu 2153</u> tal-Kodici Civili** jghid li:

*"L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn".*

Dan l-artikolu li precedentement kien l-**Artikolu 2258** jirrigwarda danni derivanti minn htija jew "culpa" extra kontrattwali kif imsejha komunement "Culpa Aquiliana".

Din hija applikabbli ghal danni li jitnisslu minn delitti fis-sens civili u kwazi delitti. Skond il-gurisprudenza taghna din il-preskrizzjoni tibda tghaddi mill-jum li fih ikun gara l-fatt illecitu u minnha jidderiva d-dannu u mhux mill-jum

meta l-parti leza tigi taf bih**.**

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Mary Xuereb vs Nutar Emanuel Agius'</u>** deciza fil-31 ta' Ottubru 1959 moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili preseduta (Imh. Dr. A. V. Camilleri) XLIII-II- 789, il-Qorti rriteniet illi dawn id-danni li talvolta jistghu jigu reklamati a tenur tal-**Artikolu 2153 tal-Kap 16** ghandhom ikunu danni li jirrizultaw minn htija ossia kolpa extra-kontrattwali u hu mehtieg li l-vjolazzjoni ma jkollhiex ebda rapport dirett mal-kuntratt pre-ezistenti.

Fis-sentenza msemmija jinghad:

*"Illi skond il-gurisprudenza taghna, l-artikolu nvokat u l-preskrizzjoni opposta msemmija fih jirrigwardaw danni derivanti minn htija jew "culpa" extra-kontrattwali, jew, kif tissejjah komunement, "Culpa Aquiliana". Fi kliem iehor, hija applikabbli ghad-danni li jitnisslu minn delitti fis-sens civili u kwazi-delitti (ara Appell "**<u>J. Camilleri vs Dr. Frendo</u>**", 22 ta' Frar 1889; Vol. XII, pag. 144: Kummerc "**<u>Calafato vs Muscat</u>**", 5 ta' Frar 1893; Vol. XV pag. 44; P.A. Civili "**<u>Similiana vs Fenech</u>**", 14 ta' Frar 1900, Vol. XVII, p. 180; Appell "**<u>Scicluna vs</u>***

*__Trany__", 22 ta' Gunju 1900, Vol. XVI, P.I. pag. 151; Kummerc "__Attard vs Zerafa__", 24 ta' April 1906, Vol. XIX-III-106; Appell "__Dr. Buhagiar vs De Nicola__", 30 ta' Jannar 1911, Vol. XXI-I-529; Appell "__Dr. Galea Naudi vs Zammit__", 9 ta' Marzu 1925, Vol. XXVI-I-54; P.A. Civili "__Vella vs Fenech__", 7 ta' Dicembru 1927, Vol. XXVI-II-515; Appell "__Tonna vs Smith__", 7 ta' Novembru 1932, Vol. XXVIIII-I-726; u ohrajn);*

Fis-sentenza fl-ismijiet "**__John Grech vs Ivan Mifsud et__**" (P.A. (JRM) – l-1 ta' April 2003) inghad li

*"l-ligi taghraf tliet ghamliet ta' azzjoni ta' danni, u jigifieri: (a) azzjoni dwar hsarat imnissla minn ghemil li jikkostitwixxi reat, f'liema kaz, iz-zmien ta' preskrizzjoni huwa dak imfisser mil-ligi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat; (b) azzjoni ghall-hsarat imnisslin minn delitt jew kwazi-delitt (l-hekk imsejha culpa aquiliana), f'liema kaz il-preskrizzjoni hija ta' sentejn – principju rifless fl-**Artikolu 2153 tal-Kodici Civili**; u (3) azzjoni ghall-hsarat imnissla minn nuqqas ta' twettiq ta' kuntratt li mhux imfisser f'att pubbliku, f'liema kaz il-preskrizzjoni hija dik ta' hames snin* (**__Micallef noe vs Cassar__** – Vol. XXXVII.i.40 – A.C. 27 ta April 1953)".

Illi l-process li gie segwit fil-kawza odjerna huwa tali li l-attur nomine nkariga lill-konvenut sabiex jaghmel xi xoghol fid-dghajsa tieghu '*Tho*r' u bhala rizultat ta' dan ix-xoghol l-attur nomine qed issostni li huwa sofra danni.

Fermi dawn l-elementi fattwali, in linea ta' dritt, azzjoni bhal din tirrientra f'dik l-iskema tar-responsabilita' akwiljana u tipresupponi li d-danni gew kagjonati

bhala konsegwenza immedjata tal-imgieba tal-awtur tad-danni. Jikkonsegwi li ghas-success tal-azzjoni intentata irid jirrizulta l-lezjoni tad-dritt tat-terz u li dan hu f'rapport kawzali dirett mal-att jew fatt (ara "**Korporazzjoni Enemalta -vs-Vella Group Limited et**", Appell Inferjuri, 8 ta' Gunju, 2006). F'din is-sentenza inghad li:-

"*Dan permezz ta' prova li, f'kazijiet ta' din ix-xorta, trid tirrizulta biex, b'mod adegwat u konvincenti, tikkreja n-ness ta' kawzalita' ta' fatt bejn il-kondotta ta' l-agent u l-event dannuz. Hu wara kollox il-kardini tar-responsabilita` extra kuntrattwali, jew akwiljana, illi ghad-danni kawzati lit-terzi huwa l-awtur tal-lezjoni li ghandu jwiegeb ghar-rizarciment ta' dawn l-istess danni li mill-att jew fatt jidderivaw*". (Ara "**Korporazzjoni Enemalta -vs-Joseph Vassallo et**", Appell Inferjuri, 17 ta' Ottubru, 2008).

Premessi dawn l-enuncjazzjonijiet, huwa bil-wisq ragjonevoli illi n-ness kawzali jrid dejjem ikollu rabta ma' kondotta kolpuza ghal skop ta' htija. Ghar-raggungiment ta' dan wiehed irid b'necessita' logika jevalwa l-elementi kollha

tal-fattispeci ghall-iskop li jkun determinat b'mod objettiv u fil-konkret il-fatt li jkun ipproduca l-hsara u, s'intendi, ir-responsabilita' ta' min dik il-hsara jkun gabha fis-sehh.

Fil-kaz in ezami l-attur nomine qed jikkontendi li x-xoghol li ghamel il-konvenut ma kienx professjonali u dan ghaliex "*the damage to the sern tube and cutlass bearing can be attributed to the incorrect alignment of the shaft and engine*". Illi ghalhekk m'hemmx dubju li l-artikolu citat mill-konvenut huwa l-artikolu t-tajjeb.

**L-Artikolu 2137** tal-Kap 16 jipprovdi illi "*l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata minghajr ma tittiehed qies tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss*". Dan il-fatt ghandu jigi stabbilit b'mod konklussiv minn min jeccepixxi l-preskrizzjoni.

Skond is-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli (Sede Inferjuri) fl-ismijiet '**Luciano Martinelli noe vs Savour Pisani'** nhar it-22 ta' Gunju 2005 jinghad li:

*"Innegabilment, l-accertament tad-dekorrenza taz-zmien tikkostitwixxi indagini ta' fatt u dan jimporta illi inizzjalment jinkombi fuq il-konvenut li jissolleva l-preskrizzjoni, li ghandu, bhala fatt, jissodisfa, bi prova essenzjali, li t-terminu statutorju preskrittiv kien ghadda. Wiehed ma jridx jinsa li l-element kostituttiv ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hi l-manifestazzjoni, f'sens inekwivoku, tal-volonta` tal-parti li ggib 'il quddiem l-estinzjoni bid-dekors taz-zmien tal-kreditu azzjonat fil-konfront tieghu. U allura logikament hu mistenni li l-konvenut jiddeduci, in sostenn tad-difiza tieghu, prova tad-data tad-dekorrenza ghall-iskop tal-komputa tal-perjodu preskrizzjonali".*

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-12 ta' Marzu 2013 fl-ismijiet '**Margaret Pace et vs M. Demajo (Holdings) Limited C 2517'** fejn gie imfisser li *"fil-kaz tal-culpa aquiliana tiddekorri minn meta gara l-fatt illecitu u mhux mill-jum minn meta l-parti leza ssir taf bil-fatt. Fil-kaz tal-preskrizzjoni fuq agir ta' ksur ta' kuntratt*

*il-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn meta l-azzjoni setghet giet ezercitata*".

Dan huwa in sintomu mas-sentenza citata mill-konvenut stess fl-ismijiet '**Scicluna noe vs Admiral Sir Tracey K.CB. noe'**, deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-22 ta' Gunju 1990 fejn intqal li *"the term mentioned in the said section 2153 starts running from the date in which the unlawful act causing damage was committed and not from the day in which the injured party became aware of such act of damage".*

Issa jirizulta mill-atti processwali li l-konvenut l-ahhar li ccertifika l-garanzija fuq ix-xoghol li ghamel kien fit-12 ta' Marzu 2009 u jidher li l-ewwel ilment li ghamel l-attur nomine kien permezz ta' email datat 8 ta' Dicembru 2010 ghalhekk kien biss fis-16 ta' Frar 2012 li l-attur nomine pprezenta att gudizzjajru kontra l-istess konvenut u ghalhekk hafna wara t-terminu moghti fil-ligi sabiex jagixxi.

**Konsegwentement din il-Qorti qieghda tilqa' l-eccezzjoni preliminari moghtija mill-konvenut ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz.**

**Tordna li l-ispejjez kollha nvoluti jithallsu mill-attur nomine.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------